**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Jannar, 2023**

**Rikors Maħluf Nru: 519/2015**

***BANIF BANK (MALTA) PLC U B'DIGRIET TAS-6 TA' NOVEMBRU, 2017, L-ISEM ĠIE MIBDUL GĦAL BNF BANK PLC***

***VS.***

***MORE SUPERMARKETS (ĦAMRUN) LTD (BĦALA L-KUMPANNIJA DEBITRIĊI PRINĊIPALI) U RYAN SCHEMBRI, ANGIE SCHEMBRI, ETIENNE CASSAR, NATHALIE CARMEN CASSAR, CASSAR & SCHEMBRI (MARKETING) LIMITED, PANELIX SUPPLIES LTD, IMORA HOLDINGS LTD, ALEXANDER POLIDANO, ADRIAN AGIUS, K CONSULT LTD, CHRISTIAN DELIA, KURT CAMILLERI U PAULINE AGIUS (ILKOLL BĦALA GARANTI IN SOLIDUM MAL-KUMPANNIJA DEBITRIĊI PRINĊIPALI)***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar it-talbiet kollha ta' BNF Bank plc;

***Daħla***

2. B'rikors maħluf imressaq fid-**<u>29 ta' Mejju, 2015</u>**, il-bank attur fisser li l-kumpannija More Supermarkets (Ħamrun) Limited, li hija klijenta tiegħu, kienet ħadet faċilitajiet bankarji mingħandu għall-ħtiġijiet tan-negozju tagħha. Dawn il-faċilitajiet kienu

jikkonsistu f'*business loan* ta' €1,000,000 u *f'business overdraft* ta' €500,000 li ġie mogħti lil More Supermarkets (Ħamrun) Limited permezz ta' *Credit Agreement* tad-19 ta' Novembru, 2012 u żewġ kuntratti pubbliċi separati magħmula fl-atti tan-nutar Joseph Smith La Rosa fit-28 ta' Novembru, 2012;

3. Skont il-bank attur, More Supermarkets (Ħamrun) Limited kellha tħallsu s-somma ta' €857,906.29 għal dak li jirrigwarda l-*business loan* u s-somma ta' €531,163.82 għal dak li jirrigwarda l-*business overdraft* minħabba li skont il-klawsola 9(q) tal-*Credit Agreement*, hawn fuq imsemmi, kienu seħħew waħda jew aktar mill-*events of default* li hemm imsemmija f'dan il-kuntratt. Flimkien, dawn iż-żewġ somom iwasslu għat-total ta' €1,389,070.11. Il-bank attur fisser ukoll li huwa għandu d-dritt jiġbor is-somom imsemmija mingħand il-konvenuti l-oħra f'din il-kawża għaliex kull wieħed minn dawn il-konvenuti kien daħal bħala garanti għall-ammont misluf b'mod solidali flimkien ma' More Supermarkets (Ħamrun) Limited;

4. Il-bank tenna li huwa kien sejjaħ lill-konvenuti kollha għadd ta' drabi biex iħallsuh id-dejn, fosthom b'ittra uffiċjali bin-numru 3494/2014, li ġiet mibgħuta fl-4 ta' Novembru, 2014, iżda huwa baqa' ma rċieva l-ebda ħlas. Billi skont il-bank attur, is-somma totali ta' €1,389,070.11, li huwa qal li hija dovuta lilu, hija waħda ċerta, likwida u dovuta u billi dejjem fil-fehma tiegħu, il-konvenuti m'għandhomx eċċezzjonijiet xi jressqu kontra t-talbiet tiegħu għall-ħlas, huwa talab lil din il-qorti li:

> *«1. Taqta' u tiddeċiedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigħ, ai termini tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *2. Tiddikjara li l-konvenuti bejniethom saru debituri tal-kumpannija attriċi fl-ammont ta' €1,389,070.11, b'dana li kull wieħed minnhom jew aktar, ikollhom l-obbligu li jħallsu l-ammont kollu in virtù tal-garanziji solidali mogħtija minnhom; u*
>
> *3. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu bejniethom lill-kumpannija attriċi l-ammont ta' €1,389,070.11, b'dana li kull wieħed minnhom jew aktar ikollhom l-obbligu li jħallsu l-ammont kollu in virtù tal-garanziji solidali mogħtija minnhom.*

*Bl-ispejjeż, bank charges u fees u bl-imgħaxijiet mis-7 ta' Mejju 2015 sad-data tal-pagament effettiv.*

*Il-bank charges u fees qed jintalbu ai termini tal-Credit agreement msemmi f'din il-kawża u t-Tariff of Charges relattivi għall-Current Accounts (ara Dok. 'R'), liema dokumenti tqiesu li saru japplikaw għall-konvenuti kollha appena l-kumpannija debitriċi prinċipali ħadet il-faċilitajiet bankarji mingħand il-kumpannija attriċi u ġew iffirmati l-kuntratti ta' garanzija fuq imsemmija.*

*L-imgħaxijiet qed jintalbu bir-rati segwenti:*

*1. għaxra punt tnejn ħamsa fil-mija (10.25%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq Loan Account numru 294438 71 001 imsemmi aktar 'il fuq (ara marker bl-aħdar fuq Dok. 'A'), u*

*2. għaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq Current Account numru 294438 10 001 imsemmi aktar 'il fuq. Hawn qed tiġi applikata r-rata tal-imgħaxijiet fuq il-Current Accounts (ara marker bl-aħdar fuq Dok. 'R'), stante li l-Business Overdraft relatat miegħu skada u ma ġiex imġedded.*

*Il-konvenuti huma minn issa nġunti għas-subizzjoni u dan b'riżerva għal kull dritt ieħor spettanti lill-kumpannija attriċi fil-konfront tal-istess konvenuti.»*

5. B'digriet tagħha tat-**<u>2 ta' Ġunju, 2015</u>**, il-qorti ordnat in-notifika tar-rikors maħluf lill-konvenuti kollha. Il-konvenuta Pauline Aġius ġiet notifikata bir-rikors maħluf u bl-avviż tas-smigħ skont l-**artikolu 187(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u l-kumpannija Cassar & Schembri (Marketing) Limited ġiet notifikata bl-istess mod skont l-**artikolu 187(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Mill-banda l-oħra, il-konvenuti l-oħra kollha għajr Ryan Schembri ġew notifikati bir-rikors maħluf u bl-avviż tas-smigħ skont il-proċedura misjuba fl-**artikolu 187(3)** u **(5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

6. Peress li konvenut Ryan Schembri ma kienx jinsab hawn Malta u lanqas kien hemm ħjiel dwar fejn huwa kien jinsab, b'digriet mogħti fil-**<u>11 ta' Novembru, 2015</u>**, din il-qorti ħatret lill-avukat Victor J. Buġeja u lill-prokuratur legali Louisa Tufigno

bħala kuraturi sabiex jirrappreżentawh f'din il-kawża. Dawn ġew notifikati fil-bini tal-qorti skont l-**artikolu 187(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

7. Fis-seduta tal-**<u>25 ta' April, 2016</u>**, dehru quddiem il-qorti l-avukati difensuri ta' Alexander Polidano, Christian Delia, Kurt Camilleri, Adrian Aġius u Pauline Aġius, u hemmhekk huma taw ir-raġunijiet tagħhom għalfejn il-kawża m'għandhiex tiġi maqtugħa bil-proċedura sommarja. Dakinhar, wara li l-qorti semgħet is-sottomissjonijiet bil-fomm tal-avukati li dehru għal dik is-seduta, il-qorti qieset li l-konvenuti kellhom eċċezzjonijiet *prima facie* xi jressqu u għalhekk hija tagħthom għoxrin jum sabiex jippreżentaw ir-risposta maħlufa tagħhom;

8. Il-konvenuti maħtura sabiex jirrappreżentaw lill-konvenut Ryan Schembri ressqu t-tweġiba maħlufa tagħhom fis-**<u>27 ta' April, 2016</u>** u fiha qalu hekk:

> *«1. Illi l-eċċipjenti ma humiex edotti mill-fatti tal-kawża u minkejja tentattivi sabiex jiksbu indirizz fejn jikkomunikaw mal-patroċinat tagħhom ma rnexxilhomx jagħmlu dan;*
>
> *2. Illi subordinament s-soċjetà rikorrenti għandha tipprova s-solidarjetà tal-intimat Ryan Schembri flimkien mas-soċjetà More Supermarkets (Ħamrun) Limited bħala debitur prinċipali għall-ħlas tal-ammonti pretiżi mis-soċjetà rikorrenti;*
>
> *3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

9. Fit-**<u>12 ta' Mejju, 2016</u>** ippreżentaw it-tweġiba maħlufa tagħhom il-konvenuti Christian Delia, Kurt Camilleri u K Consult Limited. Fiha huma qalu hekk:

> *«1. Illi fl-ewwel lok, dwar is-somma mitluba, il-bank attur għandu jipprova illi l-istess ammont kollu huwa fil-fatt dovut fl-intier tiegħu;*
>
> *2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u wkoll dwar l-ammont dovut, qiegħed jiġi eċċepit illi l-imgħaxijiet u bank charges applikati mill-bank attur huma eċċessivi u mhux skont il-liġi u/jew kif pattwit;*

*3. Illi in oltre u dwar id-drawdowns fuq il-faċilitajiet de quo, għandu jiġi ppruvat illi s-self u overdraft li ngħataw kienu fil-fatt għall-ħtiġijiet tan-negozju ta' More Supermarkets (Ħamrun) Ltd;*

*4. Illi in oltre u in subsidio, għandha tiġi ppruvata l-inadempjenza tad-debitur prinċipali fil-ħlas pattwit tas-self u overdraft, kif ukoll il-ksur min-naħa tad-debitur prinċipali tal-events of default li ssir referenza għalihom fir-rikors promotur;*

*5. Illi wkoll in subsidio u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-eċċipjenti għandhom jiġu rilaxxati mill-garanziji li taw favur il-bank attur, u dan peress illi, bi traskuraġni, negliġenza u nuqqas ta' adempjenza mat-termini tal-faċilitajiet li ta l-bank attur stess, id-dritt ta' rivalsa tal-eċċipjenti fil-konfront tad-debitur prinċipali ġie irrimedjabilment preġudikat, u dan għal raġunijiet attribwibbli unikament jew prinċipalment lill-bank attur;*

*6. Illi t-talbiet tal-bank attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

10. Imbagħad, fit-**<u>13 ta' Mejju, 2016</u>**, ippreżenta t-tweġiba maħlufa tiegħu l-konvenut Alexander Polidano, fejn qal li:

*«1. Fl-ewwel lok, in linea preliminari, ir-rikors ġuramentat odjern ma huwiex konformi mad-dispost tal-Art. 156(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Fit-tieni lok, ukoll in linea preliminari, il-kawża odjerna hija milquta mid-dispost tal-Art. 963 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*3. Fit-tielet lok, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ammont reklamat mill-kumpannija rikorrenti ma huwiex dovut mill-istanti; dan anke 'l għaliex l-obbligi assunti mill-istanti fuq Dok. 'K' mehmuż mar-rikors ġuramentat odjern ma jiswewx in kwantu l-għoti tal-kunsens tal-istanti fuq l-istess ftehim ġie meħud b'għemil doluż a dannu tal-istess esponenti;*

*4. Fir-raba' lok, mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-kumpannija rikorrenti għandha tressaq prova tan-nuqqasijiet imputati lill-kumpannija debitriċi prinċipali u illi abbażi tagħhom*

*hija sejset il-kawza odjerna flimkien ma' prova illi hija osservat l-obbligi tagħha naxxenti mill-ftehim u atti pubbliċi illi abbażi tagħhom ġew promossi dawn il-proċeduri;*

*5. Fil-ħames lok, b'żieda mas-suespost, u mingħajr preġudizzju għall-istess, il-"bank charges u fees" ma humiex dovuti; dan peress li dawn, in kwantu naxxenti mill-ftehim u atti pubbliċi illi abbażi tagħhom ġew promossi dawn il-proċeduri, kellhom jintalbu fil-korp tat-talbiet imressqa mill-istess kumpannija rikorrenti u mhux donnhom bil-formola stabbilita mill-Art. 177 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*6. Fis-sitt lok, b'żieda mas-suespost, u mingħajr preġudizzju għall-istess, l-imgħaxijiet reklamati, kemm dawk diġà kalkolati fil-korp tar-rikors ġuramentat odjern u kif ukoll dawk mhux hekk kalkolati, ma jistgħu qatt ikunu dovuti; dan peress li: (a) jeżorbitaw ir-rati pattwiti fil-ftehim u atti pubbliċi iIli abbażi tagħhom ġew promossi dawn il-proċeduri; (b) il-kumpannija rikorrenti qiegħda tagħmel interpretazzjoni żbaljata tal-klawsola 9(u) ta' Dok. 'A' u/jew ta' Dok. 'R' mehmuża mar-rikors ġuramentat odjern, liema interpretazzioni tirrendi l-imgħax kif mitlub illegali;*

*7. Fis-seba' lok, fi kwalunkwe każ, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tal-kumpannija rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Liġi, jekk ikun il-każ.*

*Bi-ispejjeż kontra l-kumpannija rikorrenti u b'riserva ta' kwalunkwe azzjoni spettanti lill-istanti.»*

11. Il-konvenuti Pauline Aġius, Adrian Aġius, u Imora Holdings Ltd ressqu t-tweġiba maħlufa tagħhom fis-**<u>16 ta' Mejju, 2016</u>** u fiha qalu dan li ġej:

*«1. Preliminarjament, l-esponenti jeċċepixxu d-deżerzjoni tal-azzioni attrici ai termini tal-Artikolu 963 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li l-atti ma ġewx notifikati lill-partijiet kollha fil-kawza fiż-żmien perentorju mogħti mil-liġi minkejja l-provvedimenti mogħtija minn din l-Onor. Qorti fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2015 u s-seduti sussegwenti u tali nuqqas ma huwa imputabbli lil ħadd għajr lill-attriċi;*

*2. Fit-tieni lok, ukoll in linea preliminari, ir-rikors ġuramentat odjern ma huwiex konformi mad-dispost tal-Art. 156(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, mhux minnu li l-istanti Pauline Aġius iggarantiet il-business loan ta' €1,000,000 u għalhekk it-talbiet kontra tagħha rigward l-istess business loan ma għandhomx jintlaqgħu;*

*4. Ili dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tal-bank attur huma eċċessivi u ma jistħoqqux li jintlaqgħu fil-konfront tal-istanti Pauline Aġius inkwantu Pauline Agius ma iggarantietx la l-business loan u lanqas il-business overdraft tal-kumpanija debitriċi prinċipali b'mod illimitat u in ġenerali iżda limitatament b'ipoteka speċjali fuq sehemha mill-fond Saint Rogue Street, Żebbuġ, Malta;*

*5. Ill dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ammont rekamat mill-kumpannija rikorrenti ma huwiex dovut mill-istanti; dan anke ‘l għaliex kwalsiasi obbligi assunti mill-istanti favur il-bank attur jiswewx in kwantu l-għoti tal-kunsens tal-istanti fuq l-istess ftehim ġie meħud b'għemil doluż a dannu tal-istess esponenti;*

*6. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ammont reklamat mill-kumpannija rikorrenti ma huwiex dovut mill-istanti ukoll peress li l-istess bank akkorda faċilitajiet bankarji mertu ta’ din il-kawża lill-kumpannija debitriċi prinċipali minkejja li l-istess bank kien jaf jew missu kien jaf li l-kumpannija debitriċi prinċipali ma kinitx tajba u tikkwalifika għall-istess;*

*7. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ammont reklamat mill-kumpannija rikorrenti ma huwiex dovut mill-istanti ukoll peress li l-istess bank naqas milli jara li l-flus inkwistjoni fil-fatt jinħarġu u jiġu utilizzati biss għall-iskop iddikjarat fl-Agreement for Credit Facilities (Dok A);*

*8. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-kumpannija rikorrenti għandha tressaq prova skont il-liġi tal-ammonti kollha minnha reklamati, inkwantu l-ammonti reklamati huma ikkontestati;*

*9. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-kumpannija rikorrenti għandha tressaq prova tan-nuqqasijiet imputati lill-kumpannija debitriċi prinċipali u li abbażi tagħhom hija sejset il-kawża odjerna;*

*10. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-bank attur għandu jġib prova li l-bank osserva l-obbligi tal-bank attur naxxenti mill-ftehim u atti pubbliċi illi abbażi tagħhom ġew promossi dawn il-proċeduri kif ukoll tal-kundizzjonijiet kollha tal-istess, senjatament iżda mhux biss illi qabel l-ewwel rilaxx ta' flus (first drawdown) il-bank attur talab u ottjena mingħand il-kumpannija debitriċi prinċipali prova ċara u sodisfaċenti li l-istess kumpannija debitriċi prinċipali effettwat u ħallset b' €2,000,000 capital expenditure a tenur ta' paragrafu (b) ta' artikolu disgħa (9) tal-Agreement for Credit Facilities (Dok A); fin-nuqqas it-talbiet attriċi kontra l-istanti ma għandhomx jintlaqgħu;*

*11. Illi b'żieda mas-suespost, u mingħajr preġudizzju għall-istess, il-"bank charges u fees" ma humiex dovuti; dan peress li dawn, in kwantu naxxenti mill-ftehim u atti pubbliċi illi abbażi tagħhom ġew promossi dawn il-proċeduri, kellhom jintalbu fil-korp tat-talbiet mressqa mill-istess kumpannija rikorrenti u mhux donnhom bil-formola stabbilita mill-Art. 177 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*12. Illi b'żieda mas-suespost, u mingħajr preġudizzju għall-istess, l-imgħaxijiet reklamati, kemm dawk diġà kalkolati fil-korp tar-rikors ġuramentat odjern u kif ukoll dawk mhux hekk kalkolati, ma jistgħu qatt ikunu dovuti; dan peress li: (a) jeżorbitaw ir-rati pattwiti fil-ftehim u atti pubbliċi illi abbażi tagħhom ġew promossi dawn il-proċeduri; (b) il-kumpannija rikorrenti qiegħda tagħmel interpretazzjoni żbaljata tal-klawsola 9(u) ta' Dok. 'A' u/jew ta' Dok. 'R' mehmuża mar-rikors ġuramentat odjern, liema interpretazzjoni tirrendi l-imgħax kif mitlub illegali; (ċ) f'kull każ, huma eċċessivi u jeżorbitaw ir-rati permessi mil-liġi;*

*13. Fl-aħħar lok, fi kwalunkwe każ, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tal-kumpannija rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, inkluż iżda mhux biss għal kull raġuni oħra dedotta minn kull wieħed mill-intimati l-oħra li l-istanti qed jagħmlu tagħhom sa fejn mhux inkompatibbli mas-suespost;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Liġi, jekk ikun il-każ.*

*Bl-ispejjeż kontra l-kumpannija rikorrenti li rappreżentanti tagħha sa min issa jibqgħu inġunti in subizzjoni u b'riserva ta' kwalunkwe azzjoni spettanti lill-istanti.»*

12. Min-naħa tagħhom il-konvenuti More Supermarkets (Ħamrun) Limited, Angie Schembri, Etienne Cassar, Nathalie Carmen Cassar, Cassar & Schembri (Marketing) Limited u Panelix Supplies Limited baqgħu ma ppreżentaw l-ebda tweġiba maħlufa fiż-żmien mogħti lilhom u għalhekk waqgħu kontumaċi;

13. Fit-**<u>22 ta' Novembru, 2017</u>**, il-bank attur ippreżenta nota li permezz tagħha għarraf lill-qorti li huwa kien irċieva l-ħlas ta' €355,000 akkont tal-ammont totali li huwa jgħid li huwa dovut lilu u għalhekk huwa naqqas l-ammont li qiegħed jitlob permezz ta' din il-kawża minn €1,389,070.11 għal dak ta' €1,034,070.11 minbarra l-imgħaxijiet, il-miżati tiegħu u l-ispejjeż legali tal-kawża (ara paġna 380 tal-atti tal-kawża);

14. Fis-**<u>27 ta' Frar, 2018</u>**, l-ammont hawn fuq imsemmi reġa' ġie mnaqqas mill-bank attur għal €711,159.65 minbarra l-imgħaxijiet, il-miżati tiegħu u l-ispejjeż legali tal-kawża wara li huwa rċieva ħlas ta' €322,910.46 akkont tal-ammont totali li huwa jgħid li huwa dovut lilu (ara paġna 402 tal-atti tal-kawża);

15. Għal darba oħra, fl-**<u>24 ta' Marzu, 2021</u>**, il-bank attur reġa' naqqas l-ammont totali li huwa qiegħed jitlob li jitħallas permezz ta' din il-kawża għal dak ta' €358,508.58, minbarra l-imgħaxijiet, il-miżati tiegħu u l-ispejjeż legali tal-kawża, wara li huwa rċieva ħlas ieħor akkont tal-ammont li huwa jgħid li huwa dovut lilu mingħand il-konvenuti Adrian Aġius, Imora Holdings Limited u Pauline Aġius (ara paġna 690 tal-atti tal-kawża). Aktar tard, fis-seduta tal-**<u>24 ta' Settembru, 2021</u>**, il-bank attur iddikjara li m'għadx kien hemm aktar dejn miegħu f'dak li għandu x'jaqsam mal-*business loan* iżda kien baqa' biss dejn li huwa marbut mal-*business overdraft* (ara wkoll in-nota ppreżentata mill-bank attur fl-1 ta' Novembru, 2021 f'paġna 713 tal-atti tal-kawża);

16. Fit-**<u>8 ta' Novembru, 2021</u>**, il-konvenuti Adrian Aġius u Imora Holdings Limited ippreżentaw nota fejn iddikjaraw li wara li l-bank attur naqqas l-ammont totali li

qiegħed jitlob f'din il-kawża, huma kienu qegħdin jammettu għat-talbiet kif imressqa mill-bank (ara paġna 716 tal-atti tal-kawża);

17. Permezz ta' nota oħra ppreżentata mill-bank attur fil-**11 ta' Jannar, 2022**, dan iddikjara li l-bilanċ li skontu għadu dovut lilu, kif maħdum sal-31 ta' Diċembru, 2021 huwa dak ta' €393,209.05. Dan jikkonsisti f'kapital ta' €343,377.51 u f'imgħaxijiet fl-ammont ta' €49,831.54. Minbarra dan, huwa qiegħed jitlob ukoll l-imgħaxijiet u l-miżati li nġemgħu wara dik id-data (ara paġna 717 tal-atti tal-kawża);

18. Imbagħad, waqt is-seduta tas-**17 ta' Jannar, 2022**, il-bank attur ċeda t-talbiet tiegħu fil-konfront tal-konvenuta Pauline Aġius biss (ara n-nota ta' ċessjoni f'paġna 720 tal-atti tal-kawża);

19. Il-partijiet għalqu l-provi kollha tagħhom fis-seduta tas-**7 ta' Marzu, 2022** u dakinhar il-qorti tat lill-partijiet kollha żmien sal-4 ta' Lulju, 2022 sabiex iressqu n-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom;

20. B'rikors imressaq mill-kuraturi, l-avukat Victor J. Buġeja u l-prokuratur legali Louisa Tufigno, fis-27 ta' April, 2022, huma għarrfu lill-qorti li l-konvenut Ryan Schembri kien ġie estradit lejn Malta u li huwa xtaq li jiddefendi l-kawża bl-għajnuna tal-avukat tal-fiduċja tiegħu. Minħabba f'hekk b'digriet tat-**13 ta' Lulju, 2022**, il-qorti, (i) issospendiet il-qari tas-sentenza; (ii) reġgħet tat lil Ryan Schembri l-jedd li jippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu; u (iii) ordnat t-tneħħija tal-kuraturi deputati mill-kawża, bi spejjeż proviżorjament għall-konvenut Ryan Schembri sakemm tingħata deċiżjoni finali dwar il-mertu tal-kawża;

21. Il-partijiet li ressqu nota ta' sottomissjonijiet bil-miktub kienu biss il-bank attur (ara paġni 723 sa 746 tal-atti tal-kawża), Alexander Polidano (ara paġni 761 sa 771 tal-atti tal-kawża) u K Consult Limited, Christian Delia u Kurt Camilleri (ara paġni 772 sa 782 tal-atti tal-kawża);

22. Fis-seduta tas-**<u>16 ta' Jannar, 2023</u>**, l-avukat difensur tal-konvenut Ryan Schembri ddikjara li l-bank attur għandu jitħallas il-bilanċ marbut mal-*business overdraft* li huwa qiegħed jgħid li għadu dovut lilu. Dakinhar il-qorti semgħet is-sottomissjonijiet bil-fomm tal-avukati tal-partijiet li kienu preżenti, u minn hemmhekk din il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum;

***Fatti***

23. Fis-**<u>6 ta' Novembru, 2012</u>**, permezz ta' għaxar kuntratti separati, il-konvenuti Ryan Schembri, Angie Schembri, Etienne Cassar, Nathalie Carmen Cassar, Cassar & Schembri (Marketing) Limited, Panelix Supplies Limited, Imora Holdings Limited, Alexander Polidano, Adrian Aġius, K Consult Limited, Christian Delia u Kurt Camilleri taw ruħhom bħala garanti b'mod solidali flimkien ma' More Supermarkets (Ħamrun) Limited fuq l-ammont ta' €1,500,000 (ara l-kuntratti ta' garanzija misjuba f'paġni 51 sa 130 tal-atti tal-kawża);

24. Imbagħad, b'kuntratt tad-**<u>19 ta' Novembru, 2012</u>** (ara paġni 11 sa 20 tal-atti tal-kawża), il-bank attur intrabat li jagħti *business loan* ta' €1,000,000 u *business overdraft* ta' €500,000 lill-kumpannija konvenuta More Supermarkets (Ħamrun) Limited;

25. Il-*business loan* ingħatat sabiex il-kumpannija hawn fuq imsemmija tkun tista' tiftaħ ħanut ġdid fil-Ħamrun u kellha tiġi mħallsa lura fi żmien seba' snin minn meta jsir l-ewwel ġbid ta' flus permezz ta' ħlas ta' €15,358.17 kull xahar. Skont il-kundizzjonijiet tal-għotja tas-self, l-imgħax fuq id-dejn kellu jibda miexi bir-rata ta' 3.75% b'żieda fuq ir-rata bażi ta' 2.5%, jiġifieri bir-rata ta' 6.25%;

26. Mill-banda l-oħra l-*business overdraft* kellha l-għan li tipprovdi lill-istess kumpannija bil-fondi meħtieġa sabiex hija tkun tista' tmexxi dan il-ħanut u kellha tiġi mħallsa hekk kif il-bank attur jagħmel talba għall-ħlas. Skont il-kundizzjonijiet tal-għotja ta'

din il-faċilità, l-imgħax fuq id-dejn kellu jibda miexi bir-rata ta’ 4% b’żieda fuq ir-rata bażi ta’ 2.5%, jiġifieri bir-rata ta’ 6.5%;

27. Dawn iż-żewġ faċilitajiet kellhom jingħataw bil-kundizzjoni li l-konvenuti kollha għajr More Supermarkets (Ħamrun) Limited u Pauline Aġius jagħtu ruħhom bħala garanti b’mod solidali flimkien ma’ More Supermarkets (Ħamrun) Limited fuq is-somma ta’ €1,500,000. Minbarra dan, skont il-klawsola 9(q) ta’ dan il-kuntratt, f’każ li tiġri mqar waħda mill-*Events of Default* li hemm mehmuża ma’ dan il-kuntratt, il-bank attur seta’, b’avviż bil-miktub, jitlob il-ħlas lura tal-ammont kollu misluf flimkien mal-imgħaxijiet u l-miżati tal-bank attur;

28. Il-kundizzjonijiet tal-għotja ta’ dawn iż-żewġ faċilitajiet ġew imtennija f’żewġ kuntratti pubbliċi magħmula fl-atti tan-nutar Joseph Smith La Rosa fit-**28 ta’ Novembru, 2012**, li permezz tagħhom il-bank attur ta ż-żewġ faċilitajiet lil More Supermarkets (Ħamrun) Limited (ara l-kuntratti f’paġni 21 sa 39 tal-atti tal-kawża). Fil-kuntratt tal-għotja tal-*business overdraft* ġie mniżżel ukoll: (i) li More Supermarkets (Ħamrun) Limited ma setgħet qatt iġġemma dejn ta’ aktar minn €500,000 f’dan il-kont; u (ii) li l-bank attur seta’, b’sempliċi talba fil-miktub, f’kull waqt isejjaħ lil More Supermarkets (Ħamrun) Limited u lill-garanti tagħha sabiex iħallsu l-bilanċ li jkun hemm dovut fuq il-kont kurrenti;

29. Għall-perijodu ta’ bejn Novembru 2012 u Settembru 2014, il-kumpannija More Supermarkets (Ħamrun) Limited kienet tagħmel ħlasijiet b’mod regolari lill-bank attur. Madankollu, hekk kif ġie rappurat fil-gazzetti li l-konvenut Ryan Schembri kien ħarab minn Malta u ħalla problemi finanzjarji warajh, f’Ottubru 2014 il-kumpannija More Supermarkets (Ħamrun) Limited falliet li twettaq il-ħlas meħtieġ. Minn dakinhar ‘il quddiem ma reġa’ sar l-ebda ħlas ieħor minn din il-kumpannija lill-bank attur skont ma kien ġie miftiehem fil-kuntratt tad-19 ta’ Novembru, 2012 u fil-kuntratti pubbliċi tat-28 ta’ Novembru, 2012;

30. Billi fil-fehma tal-bank attur, kienet seħħet xi waħda jew aktar mill-*Events of Default* imsemmija fil-kuntratt tad-19 ta' Novembru, 2012, fl-**4 ta' Novembru, 2014** huwa bagħat ittra uffiċjali lill-konvenuti kollha sabiex iħallsuh is-somma totali ta' €1,332,263.86, li kienet tinkludi l-imgħaxijiet maħduma sa dik id-data, flimkien mal-imgħaxijiet minn dik id-data u l-miżati dovuti lilu (ara l-ittra uffiċjali f'paġna 131 u 134 tal-atti tal-kawża);

31. Sad-**29 ta' Mejju, 2015**, ħadd mill-konvenuti baqa' ma wettaq l-ebda ħlas u għalhekk dakinhar il-bank attur fetaħ din il-kawża;

32. Waqt il-mixi ta' din il-kawża, il-bank attur irċieva numru ta' ħlasijiet (ara n-noti ta' riduzzjoni f'paġni 380, 402 u 713 tal-atti tal-kawża), biex b'hekk, skont il-bank attur, ġie maqtugħ id-dejn kollu li kellu x'jaqsam mal-*business loan* u fl-istess waqt, illum il-ġurnata, baqa' li jitħallas biss parti mid-dejn li huwa marbut mal-*business overdraft*. Kien għalhekk li fil-**11 ta' Jannar, 2022**, il-bank iddikjara li huwa qiegħed jitlob biss is-somma ta' €393,209.05 flimkien mal-imgħaxijiet u l-miżati li nġemgħu mill-31 ta' Diċembru, 2021;

***Konsiderazzjonijiet***

33. Il-kawża li għandha quddiemha din il-qorti hija maħsuba biex il-konvenuti kollha, għajr Pauline Aġius li kontra tagħha din il-kawża ġie ċeduta, jiġu ddikjarati u kkundannati li għandhom jagħtu lill-bank rikorrenti s-somma ta' €393,209.05, flimkien mal-imgħaxijiet u l-miżati li laħqu nġemgħu mill-31 ta' Diċembru, 2021;

34. Għalkemm il-konvenuti Adrian Aġius u Imora Holdings Limited ammettew it-talbiet tal-bank attur, dawn it-talbiet xorta waħda jinsabu kkontestati mill-bqija tal-konvenuti l-oħra, għajr Pauline Aġius. Kemm hu hekk, il-fatt waħdu li l-kumpannija debitriċi ewlenija More Supermarkets (Ħamrun) Limited, u l-konvenuti l-oħra li daħlu garanti għad-dejn tagħha, Angie Schembri, Etienne Cassar, Nathalie Carmen Cassar, Cassar

& Schembri (Marketing) Limited u Panelix Supplies Limited, ma wrewx interess fil-kawża miġjuba kontrihom, u għażlu li ma jweġbux, ma jfissirx li l-bank attur ġie meħlus mill-piż li jipprova l-każ tiegħu kontrihom skont il-grad u l-qies li titlob minnu l-liġi;

35. Anzi, meta konvenut ikun waqa' fi stat ta' kontumaċja l-attur xorta waħda jibqagħlu l-piż li jressaq provi sodisfaċenti biex isejjes it-talbiet tiegħu. Tassew, il-fatt waħdu li wħud mill-konvenuti għażlu li ma jiddefendux ruħhom f'din il-kawża ma jfissirx li huma ammettew għat-talbiet imressqa mill-bank attur (ara f'dan is-sens ***Charles Saliba v. Salvu Borġ***, Appell Ċivili, tas-27 ta' Ġunju, 1997);

36. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li l-kontumaċja għandha tiġi meqjusa bħala oppożizzjoni għat-talbiet magħmula fir-rikors maħluf fejn il-konvenut ikun ħalla lillu nnifsu għall-ġudizzju tal-qorti. Għalhekk, f'każ bħal dan il-qorti jeħtiġilha tistħarreġ jekk it-talbiet tal-atturi humiex mistħoqqa billi tgħarbel bir-reqqa l-fatti li jkunu nġabu quddiemha sabiex tistabbilixxi l-verità, u dan indipendentement mill-istat ta' kontumaċja ta' wħud mill-konvenuti (ara fost l-oħrajn ***Ruth Apap v. Noel Apap***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Ġunju, 1995, ***Gernod Schmid v. Cornelia Astrid Schmid***, Appell Superjuri, 24 ta' Ottubru, 2019 u ***George Busuttil et v. Anthony Vassallo et***, Appell Superjuri, 6 ta' Ottubru, 2020);

37. Jiġi b'hekk, li f'dan il-każ l-bank attur xorta kellu l-obbligu li jneħħi l-piż tal-prova minn fuqu u jmexxieh għal fuq il-konvenuti kollha, inkluż dawk li għażlu ma jweġbux għat-talbiet tiegħu. Il-grad ta' prova li l-bank attur kellu jilħaq, *«huwa dak li biżżejjed inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta mill-preponderanza tal-provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabilitajiet»* (ara ***Vincent Borġ v. Teresa Borġ***, Appell Superjuri, tad-29 ta' Jannar 2016 u ***Concorde Developments Limited v. B. Grima and Sons Limited***, Appell Superjuri, tas-27 ta' Jannar, 2017);

38. Għalhekk, minkejja l-ammissjoni tal-konvenuti Adrian Aġius u Imora Holdings Limited u l-istat ta' kontumaċja ta' More Supermarkets (Ħamrun) Limited, Angie Schembri, Etienne Cassar, Nathalie Carmen Cassar, Cassar & Schembri (Marketing) Limited u

Panelix Supplies Limited, din il-qorti xorta jeħtiġilha tistħarreġ jekk il-bank attur laħaqx il-livell tal-prova meħtieġ biex it-talbiet tiegħu jiġu milqugħa, inkluż billi tqishom ukoll fid-dawl tal-eċċezzjonijiet mogħtija mill-konvenuti Ryan Schembri, Christian Delia, Kurt Camilleri, K Consult Limited u Alexander Polidano;

39. Tassew, għalkemm il-kumpannija debitriċi ewlenija More Supermarkets (Ħamrun) Limited għażlet li ma tweġibx għat-talbiet tal-bank attur, madankollu l-konvenuti hawn fuq imsemmija li taw ruħhom bħala garanti ta' din il-kumpannija, għandhom il-jedd jitħallew iqajmu kontra l-kreditur kull eċċezzjoni li hija setgħet tqanqal u li hija mgħaqqda mad-dejn mertu ta' din il-kawża (ara l-**artikolu 1958 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta** u s-sentenza fl-ismijiet ***Mario Paċe v. Anthony Mizzi et***, Appell Superjuri, 18 ta' Lulju, 2022);

40. Hekk ukoll, minkejja li fis-seduta tas-16 ta' Jannar, 2023, Ryan Schembri, permezz tal-avukat tiegħu, iddikjara li li l-bank attur għandu jitħallas il-bilanċ marbut mal-*business overdraft* li dan qiegħed jgħid li għadu dovut lilu, huwa ma rtirax l-eċċezzjonijiet tiegħu b'mod formali u b'hekk din il-qorti sejra tqishom ukoll;

41. Meqjus dan, il-qorti jeħtiġilha tistħarreġ jekk il-bank attur irnexxilux juri li hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex huwa jiġbor mingħand il-konvenuti (għajr Pauline Aġius) is-somma kollha li huwa qiegħed jgħid li hija dovuta lilu. Iżda qabel ma din il-qorti tgħaddi biex tqis il-mertu tat-talbiet tal-bank attur ikun xieraq li qabelxejn jiġu mistħarrġa l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li huma ta' xejra preliminari;

42. Sewwasew, fl-**<u>ewwel eċċezzjoni tiegħu</u>**, il-konvenut Alexander Polidano jgħid li r-rikors maħluf tal-bank attur ma jħarisx il-ħtiġijiet imsemmija fl-**artikolu 156(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għaliex il-bank attur ma niżżilx b'ittri ċari u preċiżi l-kliem ta' twissija li jinsabu mniżżla f'dan l-artikolu. Iżid jgħid fin-nota ta' sottimissjonijiet tiegħu li minħabba f'hekk, ir-rikors maħluf huwa null għaliex fih difett essenzjali fil-forma tiegħu;

43. Il-qorti tqis li din il-kawża nbdiet bil-proċedura misjuba fl-**artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** fejn il-bank attur talab li huwa jitħallas dejn, li skontu huwa wieħed ċert, likwidu u li għalaq, bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża. Il-proċedura sommarja (aktar magħrufa bħala l-proċedura bil-giljottina) hija minnha nfisha ta' natura eċċezzjonali għaliex din titbiegħed mill-prinċipju ġenerali tal-liġi li jrid li kawża għandha tinqata' wara li l-qorti tieħu qies tal-provi u tas-sottomissjonijiet tal-partijiet fil-kawża;

44. Kemm hu hekk, fil-proċeduri bil-giljottina l-attur jitlob lill-qorti sabiex hija tgħaddi għas-sentenza tagħha fuq dak li jiġi mressaq lilha mill-istess attur u dan mingħajr il-possibilità ta' kontroll min-naħa tal-parti mħarrka. Għalhekk kif ingħad f'***Emmanuel Bonello v. I.T. Properties Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Diċembru, 2005,

> «*F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tkun mgħobbija b'responsabbilità akbar billi, mingħajr l-intervent tal-kontro parti, hu mistenni minnha li tilqa' t-talba kif proposta*»;

45. Il-liġi tagħti żewġ rimedji lill-imħarrek biex iwaqqaf il-proċeduri sommarji: (i) billi jqajjem permezz ta' nota li għandha tiġi ppreżentata fir-reġistru jew fl-udjenza, li l-proċedura bil-giljottina mressqa mill-attur, «*mhix regolari jew ma tgħoddx għall-każ*»; jew (ii) billi jġib prova *prima facie* li hu għandu eċċezzjonijiet tajbin x'jagħti jew kontro-talba valida xi jressaq fil-mertu (ara ***Carmel Cortis v. Paul Fenech***, Appell Superjuri tal-11 ta' Mejju, 2015 u ***Josephine Snoussi v. Carmel Grixti*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Jannar, 2022);

46. Kemm hu hekk, sa dakinhar li jsir is-smigħ il-konvenut li jiġi mħarrek permezz tal-proċedura sommarja ma jkollu l-ebda jedd li jressaq eċċezzjonijiet permezz ta' tweġiba maħlufa skont l-**artikolu 158(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Dan il-jedd jista' biss jingħata lilu skont l-**artikolu 170(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** dakinhar li jsir is-smigħ dwar ir-rikors tal-attur u fil-każ biss li l-konvenut jirnexxilu

jattakka l-proċedura sommarja permezz ta' xi waħda miż-żewġ difiżi hawn fuq imsemmija;

47. Minħabba f'hekk, meta kawża tinbeda bil-proċedura sommarja, l-attur mhuwiex meħtieġ li jniżżel il-kliem ta' twissija misjuba fl-**artikolu 156(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** taħt l-intestatura tal-qorti fir-rikors maħluf tiegħu. Tassew, l-**artikolu 167(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, li jitkellem dwar kif għandu jsir rikors mibdi bil-proċedura sommarja, jgħid li huma biss id-dispożizzjonijiet tal-**artikolu 156(1)(a)**, **(b)**, u **(ċ)**, **(2)** u **(3)** u tal-**artikolu 159** tal-istess **Kapitolu** li għandhom jgħoddu għal dan it tip ta' rikors maħluf u ma jagħmel l-ebda referenza għas-**sub-inċiż (1)(d) tal-artikolu 156**;

48. Fil-fatt, fis-sentenza fl-ismijiet ***Vella Estates Limited v. Emanuel Borġ***, li ġiet deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Ġunju, 2011, ingħad li t-twissija msemmija fl-**artikolu 156(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, ma jmissha ssir qatt fejn kawża titressaq bil-proċedura sommarja speċjali. Għalhekk, f'dan il-każ il-bank attur għamel sew li ma niżżilx b'kelma b'kelma t-twissija li hemm misjuba f'dan l-artikolu, ladarba huwa nieda din il-kawża permezz tal-proċedura sommarja;

49. L-ewwel eċċezzjoni ta' Alexander Polidano qiegħda għalhekk tiġi miċħuda;

50. Imiss issa li l-qorti tqis it-**<u>tieni eċċezzjoni</u>** ta' Alexander Polidano fejn huwa jgħid li din il-kawża hija milquta b'dak li hemm imniżżel fl-**artikolu 963 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għaliex il-proċedura bil-miktub ma ġietx magħluqa fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur. Għalhekk huwa qiegħed jippretendi li din il-kawża għandha tiġi ddikjarata bħala deżerta;

51. Il-qorti tqis li huwa minnu li għall-finijiet tal-**artikoli 154** sa **158 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, il-proċedura bil-mitkub trid tingħalaq fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur (ara l-**artikolu 963(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**). Skont ġurisprudenza miżmuma dan il-perijodu ta' żmien ma jibdiex miexi minn dakinhar li jiġi mressaq ir-

rikors maħluf iżda minn meta l-qorti toħroġ l-ordni li bih il-kawża tingħata jum għall-ewwel smigħ u jinħareġ l-avviż ta' dik id-data (ara ***Distinct Conversions Limited v. Joseph Fasanelli et***, Appell Superjuri, 30 ta' Jannar, 2003);

52. Fil-każ tagħna l-ordni ta' din il-qorti sabiex jinħareġ l-avviż tal-ewwel smigħ ingħata fit-2 ta' Ġunju, 2015. Għalhekk, iż-żmien ta' sitt xhur biex titwettaq il-proċedura bil-miktub kien jagħlaq fit-2 ta' Diċembru, 2015. Mill-atti jirriżulta li sa dakinhar, il-proċedura bil-miktub ta' din il-kawża ma kinitx għadha ngħalqet, tant li l-konvenuti Pauline Aġius, Adrian Aġius u Imora Holdings Limited wieġbu għal din il-kawża fis-16 ta' Mejju, 2016;

53. Kemm qabel u kif ukoll wara li għalaq dan iż-żmien ta' sitt xhur, din il-qorti, kif mod ieħor impoġġija, tat diversi digrieti sabiex ikunu jistgħu jitwettqu n-notifiki kollha, fosthom billi awtorizzat lill-bank attur biex jipproċedi bil-proċedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni (ara l-verbali tas-16 ta' Ġunju, 2015, tad-9 ta' Lulju, 2015, tat-28 ta' Ottubru, 2015, tad-9 ta' Diċembru, 2015, tal-1 ta' Frar, 2016 u tas-16 ta' Marzu, 2016). Evidentement, wara li għalaq dan iż-żmien ta' sitt xhur, din il-qorti għażlet li ma tipproċedix b'mod riġidu ma' dak li jgħid l-**artikolu 963(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għaliex l-ordni biex isiru n-notifiki kollha meħtieġa ma tathiex għal darba waħda biss. Kemm hu hekk, fl-ewwel seduta minnufih wara li għadda dan iż-żmien, jiġifieri fid-9 ta' Diċembru, 2016, hija ħalliet il-kawża għan-notifiki għall-1 ta' Frar, 2016 u reġgħet għamlet l-istess f'din l-aħħar data u fis-16 ta' Marzu, 2016;

54. Madankollu, dan ma jfissirx li din il-qorti ma mxietx skont il-liġi. Anke jekk wara l-1 ta' Frar, 2016, bit-tħaddim tal-**artikolu 963(3)** u **(5)(a)** u l-**artikolu 964(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, il-kawża kellha titqies bħala kawża li ġiet differita *sine die* jew li ġiet sospiża, però bid-differimenti mogħtija fl-1 ta' Frar, 2016 għas-16 ta' Marzu, 2016 u fis-16 ta' Marzu, 2016 għall-25 ta' April, 2016 il-kawża ġiet meqjusa bħala appuntata mill-ġdid minn din il-qorti *motu proprio*, kif hemm maħsub fl-**artikolu 964(2) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

55. Għalhekk f'dan il-każ, il-kawża tal-bank attur ma tistax titqies li ġiet deżerta minħabba li l-proċedura bil-miktub ma ngħalqitx fi żmien sitt xhur. Wara kollox, fejn hu possibbli u fejn il-liġi tippermetti, l-atti għandhom jiġu salvati, aktar u aktar f'dawk il-każijiet li tkun sejra ssir inġustizzja kbira. Dan jagħmel aktar sens meta l-eċċezzjoni tad-deżerzjoni titqajjem f'qorti tal-ewwel grad, għaliex għalkemm bid-deżerzjoni l-proċediment jispiċċa, il-jedd għall-azzjoni jibqa' ma jispiċċax (ara l-**artikolu 963(6) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u s-sentenza ***Georgina Borġ v. Errol Cassar***, Appell Superjuri, 30 ta' Novembru, 2017);

56. Tassew il-kliem tal-**artikolu 963 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** ma jeskludix interpretazzjoni aktar wiesgħa u favorevoli biex dan l-iskop jintlaħaq. Hekk pereżempju, dan jista' jinstilet mis-**sub-inċiż (4)** tiegħu, li jitkellem dwar il-possibbiltà li wieħed jirrinunzja għall-eċċezzjoni tad-deżerzjoni, jew mill-**artikolu 732(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, li jgħid li jekk l-eċċezzjoni tad-deżerzjoni ma tingħatax qabel kull eċċezzjoni perentorja oħra din titqies li ġiet rinunzjata (ara ***Francis Xavier Formosa et v. Camerlo Mifsud et***, Appell Ċivili, 26 ta' Frar, 1999 u ***Francis Debono v. Carmel Aquilina***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 21 ta' Ottubru, 2002);

57. Sewwasew fil-każ tagħna, il-konvenut Alexander Polidano ma ressaqx din l-eċċezzjoni tad-deżerzjoni bħala l-ewwel waħda tiegħu iżda ressaqha wara l-eċċezzjoni perentorja li r-rikors maħluf tal-bank attur ma jsegwix il-ħtiġijiet imsemmija fl-**artikolu 156(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Barra minn hekk, huwa qatt ma oġġezzjona għad-differimenti tal-kawża li ngħataw minn din il-qorti; anzi huwa ħalla l-kawża tkompli għaddejja mingħajr xkiel. Minħabba f'hekk b'għemilu stess huwa ġie li rrinunzja għal din l-eċċezzjoni;

58. Fuq kollox, wieħed jeħtieġlu jqis li l-istitut tad-deżerzjoni huwa maħsub biex jippenalizza lil dak l-attur li ma jkunx qiegħed imexxi bil-għaqal il-proċedura mibdija minnu, iżda mhux maħsub la biex jorbot idejn il-qorti fl-appuntament tal-kawżi u lanqas biex isawwat lill-attur minħabba ħtiġijiet amministrattivi tal-qorti (ara ***Dr.***

***Tonio Azzopardi v. Victor Aquilina et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 5 ta' Novembru, 1999 u ***Distinct Conversions Limited v. Joseph Fasanelli***, Appell Superjuri, 31 ta' Jannar, 2003). Tabilħaqq, irid ikun tassew każ ċar ta' nuqqas ta' tmexxija bil-għaqal tal-parti attriċi biex ikun jista' jitħaddem l-effett tad-deżerzjoni (ara ***Albert Mizzi nomine v. Alfred Bartolo et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 5 ta' Mejju, 2009);

59. Minn eżami tar-riferti misjuba fl-atti, din il-qorti ma jidhrilhiex li l-bank attur qagħad passiv jew kaxkar saqajh fit-twettiq tan-notifiki tar-rikors maħluf lill-erbatax-il konvenut jew konvenuta li ġew imħarrka f'din il-kawża. Anzi, il-qorti jirriżultalha li l-bank attur dejjem mexa skrupulożament mal-ordnijiet li tagħtu l-qorti. Kemm hu hekk, bejn l-ewwel seduta tas-16 ta' Ġunju, 2015 u s-seduta tal-25 ta' April, 2016 sar numru mhux żgħir ta' tentattivi ta' notifika tar-rikors maħluf u tal-avviż tas-smigħ lill-konvenuti min-naħa tal-bank attur, fosthom billi saret in-notifika fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta lokali. Jirriżulta wkoll li wħud minn dawn it-tentattivi ta' notifika sfaw negattivi mhux għaliex il-bank għamel xi żball jew niżżel xi indirizz ħażin iżda għaliex il-marixxall tal-qorti ma rnexxilux isib l-indirizzi fejn kellha ssir n-notifika (ara pereżempju r-riferti negattivi tal-4 ta' Ġunju, 2015 u tat-3 ta' Settembru, 2015 dwar it-tentattivi ta' notifika lil More Supermarkets (Ħamrun) Limited). Għalhekk, din il-qorti tqis li l-bank attur ma jaħtix għad-dewmien biex il-proċedura bil-miktub tiġi magħluqa, u b'hekk ma tħossx li huwa għandu jiġi ppenalizzat għal dan id-dewmien;

60. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, il-qorti qiegħda tiċħad it-tieni eċċezzjoni ta' Alexander Polidano;

61. Darba li ġew imwarrba l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti, il-qorti issa tista' tissokta biex tqis dak li huwa l-mertu ta' din il-kawża;

62. Il-konvenuti li wieġbu għal din il-kawża u li baqgħu jikkontestaw din il-kawża sal-aħħar ressqu numru ta' eċċezzjonijiet biex jisħqu li huma m'għandhomx iħallsu l-ammont li qiegħed jitlob mingħandhom il-bank attur. Dawn jinkludu:

i. il-ħtieġa li tintwera s-solidarjetà ta' Ryan Schembri flimkien ma' More Supermarkets (Ħamrun) Limited bħala debitur tal-ammont li qiegħed jintalab mill-bank attur;
ii. il-ħtieġa li jintwera li s-self u l-*overdraft* ingħataw mill-bank attur għall-ħtiġijiet tan-negozju ta' More Supermarkets (Ħamrun) Limited;
iii. li l-garanzija mogħtija mill-konvenut Alexander Polidano ma tiswiex għaliex il-kunsens tiegħu fuqha huwa vizzjat b'qerq;
iv. il-ħtieġa li jintwera li l-bank attur ħares l-obbligi tiegħu li joħorġu mill-kuntratt tad-19 ta' Novembru, 2012 u mill-atti pubbliċi tat-28 ta' Novembru, 2012;
v. li l-konvenuti Christian Delia, Kurt Camilleri u K Consult Limited għandhom jiġu meħlusa mill-garanziji li taw favur il-bank attur għaliex dan kien traskurat u negliġenti, u ma mexiex mal-kundizzjonijiet marbuta mal-għotja tal-faċilitajiet bankarji, u b'hekk ippreġudika d-dritt tal-garanti li jiġbru lura dak li huma qegħdin jintalbu jħallsu mingħand il-bank;
vi. il-ħtieġa li jintwera li More Supermarkets (Ħamrun) Limited naqset fl-obbligi tagħha lejn il-bank attur;
vii. il-ħtieġa li jintwera li s-somma totali mitluba mill-bank attur hija fil-fatt dovuta;
viii. li l-ħlas tal-miżati mitlub mill-bank attur mhuwiex dovut għaliex dan kellu jintalab fil-korp tat-talbiet mressqa mill-bank attur u mhux skont l-**artikolu 177 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**; u
ix. li l-imgħaxijiet mitluba mill-bank attur huma eċċessivi, kemm għaliex dawn mhumiex skont il-liġi, u kif ukoll għaliex dawn ma ġewx maħduma skont ma kien ġie miftiehem bejn il-bank attur u More Supermarkets (Ħamrun) Limited;

63. Għalkemm dawn l-eċċezzjonijiet ġew imressqa dwar l-ammont oriġinali mitlub mill-bank attur, li fil-bidu ta' din il-kawża kien marbut kemm mal-*business loan* u kif ukoll mal-*business overdraft* mogħtija lil More Supermarkets (Ħamrun) Limited, skont dikjarazzjoni magħmula mill-bank attur fl-24 ta' Settembru, 2021, id-dejn kollu li għandu x'jaqsam mal-*business loan* ġie mħallas u b'hekk l-ammont mitlub mill-bank attur f'dan l-istadju tal-kawża huwa marbut biss mal-*business overdraft*. Meqjus

dan, il-qorti ma tħossx li għandha għalfejn tqis l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti safejn dawn huma diretti lejn il-*business loan*, ladarba t-talbiet tal-bank attur fir-rigward ta' dan is-self ġew mifnija jew eżawriti;

64. Issa fit-**<u>tieni eċċezzjoni</u>** tiegħu l-konvenut Ryan Schembri jisħaq li l-bank attur kellu jġib prova li Schembri huwa debitur tiegħu fl-ammont li qiegħed jitlob b'mod solidali flimkien ma' More Supermarkets (Ħamrun) Limited;

65. Il-qorti tqis li fis-6 ta' Novembru, 2012, il-konvenut Ryan Schembri u Angie Schembri daħlu f'kuntratt ta' garanzija flimkien mal-bank attur (ara paġni 51 sa 58 tal-atti tal-kawża). Skont il-klawsoli 2 u 4 ta' dan il-kuntratt, Ryan Schembri u Angie Schembri ntrabtu mal-bank attur li huma jidħlu bħala debituri solidali tiegħu flimkien ma' More Supermarkets (Ħamrun) Limited sal-ammont ta' €1,500,000 u li jħallsu d-dejn ta' din il-kumpannija sa dan l-ammont malli jirċievu avviż bil-miktub f'dan ir-rigward mingħand il-bank attur. Din il-garanzija hija għalkollox identika għal dawk mogħtija fl-istess ġurnata lill-bank attur minn Etienne Cassar, Nathalie Carmen Cassar, Cassar & Schembri (Marketing) Limited, Panelix Supplies Limited, Imora Holdings Limited, Alexander Polidano, Adrian Aġius, K Consult Limited, Christian Delia u Kurt Camilleri;

66. L-**artikolu 1925 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta** jfisser il-garanzija bħala dak il-kuntratt li bih wieħed jintrabat lejn il-kreditur li jissodisfa l-obbligazzjonijiet ta' persuna oħra jekk din ma tissodisfahomx hija nnifisha. Għalhekk l-għan wara l-għotja ta' garanzija huwa li jiġi garantit id-dejn ta' terza persuna (ara wkoll ***Bank of Valletta plc v. Style in Art Limited***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 27 ta' Ottubru, 2004);

67. Meta persuna jew aktar jidħlu bħala garanti solidali ma' debitur għar-rabtiet li dan tal-aħħar ikun daħal għalihom, dawk il-garanti jsiru *correi debendi*, u jixxiebħu mal-qagħda legali ta' kondebituri (ara ***Emanuel Baldacchino v. Joseph Schembri***, Appell Kummerċjali, 2 ta' Diċembru, 1963). Għalhekk, għal dawk il-garanti jgħoddu *mutatis mutandis* ir-regoli li jgħoddu għad-debituri li jintrabtu solidalment lejn il-

kreditur tagħhom (ara ***Borġ & Aquilina Limited v. John Cuschieri et***, Appell Inferjuri, 5 ta' Marzu, 2010). Sewwasew waħda mill-effetti tal-garanzija hija li l-kreditur jista' jdur kontra kull wieħed mill-garanti solidali għall-ħlas tad-dejn kollu, hekk kif jista' jdur ukoll kontra kull wieħed mill-kondebituri kif jidhirlu hu (ara l-**artikolu 1094 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta** u s-sentenza fl-ismijiet ***Ian Sammut v. Entree Limited et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 31 ta' Lulju, 2017);

68. Minbarra dan, meta l-garanzija tkun ingħatat b'mod solidali, il-kreditur jista' jdur għall-ħlas fuq il-garanti mill-ewwel mingħajr ma jkollu jdur l-ewwel fuq id-debitur li jkun naqas li jħallas fiż-żmien (ara l-**artikolu 1935(b)** flimkien mal-**artikolu 1934 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**). Fuq kollox, fl-obbligazzjonijiet kummerċjali, is-solidarjetà mad-debitur ewlieni hija preżunta (ara l-**artikolu 115(2) tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta** u s-sentenza fl-ismijiet ***George Borġ Limited v. Price Club Operators Limited et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili et, 18 ta' Mejju, 2006);

69. Meqjus dan, darba li l-garanzija tas-6 ta' Novembru, 2012 hija prova tajba li Ryan Schembri huwa debitur b'mod solidali flimkien ma' More Supermarkets (Ħamrun) Limited għall-ħlas li l-bank attur qiegħed jgħid li huwa dovut lilu, il-qorti qiegħda tiċħad it-tieni eċċezzjoni ta' Ryan Schembri;

70. Fin-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom il-konvenuti Alexander Polidano, Christian Delia, Kurt Camilleri u K Consult Limited jgħafsu fuq l-allegazzjoni tagħhom li l-għan wara l-faċilitajiet mogħtija lil More Supermarkets (Ħamrun) Limited kien wieħed suspettuż ferm u li ammont sostanzjali mill-flejjes li provda l-bank attur permezz tal-faċilitajiet li għadda lil More Supermarkets (Ħamrun) Limited ħarġu b'mod irregolari għaliex dawn m'għaddewx lilha iżda minflok ġew imħallsa direttament lil Cassar & Schembri (Marketing) Limited;

71. Il-konvenut Alexander Polidano għalhekk jgħid li huwa għandu jiġi meħlus mill-effetti tal-garanzija li huwa ta lill-bank attur fis-6 ta' Novembru, 2012 għaliex il-kunsens tiegħu fuqha kien ivvizzjat b'qerq (ara t-**<u>tielet eċċezzjoni tiegħu</u>**). Huwa

jisħaq ukoll li l-bank attur irid juri li huwa ħares l-obbligi tiegħu li joħorġu mill-kuntratti li huwa daħal fihom flimkien ma' More Supermarkets (Ħamrun) Limited (ara t-tieni parti tar-**raba' eċċezzjoni tiegħu**);

72. Fuq l-istess linja, il-konvenuti Christian Delia, Kurt Camilleri u K Consult Limited jgħidu li l-bank attur jeħtieġlu juri li l-*business loan* u l-*business overdraft* tassew ingħataw minnu għall-ħtiġijiet tan-negozju ta' More Supermarkets (Ħamrun) Limited (ara t-**tielet eċċezzjoni tagħhom**). Jisħqu wkoll li huma għandhom jiġu meħlusa mill-garanziji li taw favur il-bank attur għaliex dan kien traskurat u negliġenti u ma mexiex mal-kundizzjonijiet tal-għotja taż-żewġ faċilitajiet bankarji. Jissoktaw jgħidu li b'hekk il-bank attur ippreġudikalhom id-dritt tagħhom li jiġbru lura l-flejjes li l-bank qiegħed jitlobhom iħallsu (ara il-**ħames eċċezzjoni tagħhom**);

73. Dawn l-erba' eċċezzjonijiet tal-konvenuti sejrin jitqiesu flimkien għaliex ilkoll kemm huma jinsabu marbuta flimkien;

74. Dwar ir-raba' eċċezzjoni ta' Alexander Polidano l-qorti tqis li huwa magħruf li l-qerq mhuwiex preżunt iżda għandu jiġi ppruvat (ara l-**artikolu 981(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**). Fil-liġi tagħna l-prova tal-qerq trid issir mill-parti li tallegah (ara ***Reverendu Saċerdot Don Francesco Żammit v. Avukat Dottor Anthony Farruġia et***, Appell Kummerċjali, 31 ta' Marzu, 1967). Minbarra dan, hija trid turi wkoll li l-parti l-oħra kellha l-fehma jew l-intenzjoni li tqarraq b'tali mod illi tkun nisġet skema bi ħsieb partikolari li tilgħab lill-parti l-oħra biex tersaq għall-ftehim (ara ***Caruana Galizia***, ***Notes on Civil Law – Obligations***, paġna 272 u s-sentenza ***Ian Busuttil et v. Carmen Taliana***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 6 ta' Diċembru, 2002);

75. Kif ingħad aktar 'il fuq, biex il-qerq jagħti lok għat-tħassir ta' rabta kuntrattwali, irid jintwera li l-għemil diżonest u l-iskemi mħaddma mill-parti li tkun qarrqet iwasslu lill-parti l-oħra li tersaq għall-ftehim, bil-fehma li l-elementi essenzjali tal-kuntratt ikunu mod, meta fil-fatt dawk l-elementi jew uħud minnhom ikunu mod ieħor (ara ***P.L.***

***Joseph Żammit noe v. Joseph Fenech***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 4 ta' Marzu, 2004);

76. Fuq kollox, dak il-qerq irid ikun ta' tali gravità u serjetà, li kieku ma jkunx għalih, il-parti l-oħra ma kinitx tersaq għall-ftehim (ara ***Rita Camilleri et v. Marco Gaffarena et***, Appell Superjuri, 26 ta' Mejju, 2017). Jekk imbagħad, il-qerq ikun tali li jwassal lill-parti mqarrqa għal żball dwar l-oġġett tal-ftehim, tali żball irid ikun wieħed skużabbli, jiġifieri wieħed li l-parti mqarrqa ma setgħetx tintebaħ bih bid-dehen ordinarju tagħha (ara ***Paul Tanti pro et noe et v. Sammy Mifsud et noe***, Appell Superjuri, 23 ta' Settembru, 2009 u ***Monique Troisi et v. Kristino Abela et***, Appell Superjuri, 27 ta' Marzu, 2020);

77. Huwa prinċipju stabbilit li l-istabbiltà tal-kuntratti hija waħda mill-presupposti tal-ħajja soċjali, u għalhekk il-liġi tagħraf il-liberalità tal-kuntratti u tagħti lill-partijiet għall-ftehim iċ-ċans li jaraw l-affarijiet tagħhom sewwa qabel jingħaqdu fi ftehim. Huwa biss fejn jintwera li l-kuntratt huwa effett ta' żball ta' fatt li ma jistax jissewwa f'dak li jkun akkwista, jew ta' għemil doluż, gravi u determinanti imwettaq mir-riċevitur tal-obligazzjoni, li l-liġi tagħti r-rimedju tal-ħall tal-kuntratt (ara ***Giuseppe Schembri et v. Leonardo Azzopardi et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 9 ta' Frar, 1965 u ***Mark Debono v. Mary Zastera et nomine***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 28 ta' Jannar, 2016);

78. L-allegazzjoni ta' qerq hija waħda serja u trid tiġi ppruvata, jekk mhux bi provi diretti, almenu b'indizji ċari u konkludenti li juru r-rieda ħażina tal-persuna li riedet tqarraq (ara ***Mario Debattista et v. Andrew Paċe pro et noe et***, Appell Superjuri, 5 ta' April, 2013). Tassew, min ikun ta lilu nnifsu b'garanti ma jistax jinħall mill-obbligazzjoni tiegħu kif ġieb u laħaq; anzi,

> *«To discharge a surety for the due performance of duties there must be on the part of the obligee, an act of connivance, or gross negligence amounting to wilful shutting of the eyes to the fraud, or something approximating to it.*

*The mere passive inactivity of a person to whom a guarantee is given, his neglect to call the principal debtor to account in reasonable time and to enforce payment agianst him, does not discharge the surety; and the rule at law and equity is the same, that there must be some positive act done by him to the prejudice of the surety, or such degree of negligence as to imply connivance, and amount to fraud.»* (ara s-sentenza fl-ismijiet ***Eduoardo Thorman noe v. Michele Apap et***, Appell Superjuri, 31 ta' Mejju, 1886 u l-ktieb ***The Word Of The Court*** ta' **Philip Farruġia Randon**, it-tnax-il volum, l-ewwel edizzjoni, 1993, f'paġna 114);

79. Meqjusa l-fattispeċi ta' dan il-każ, il-qorti ma taqbel xejn mat-teżi ta' Alexander Polidano li l-bank attur qarraq bih biex huwa jidħol bħala garanti għas-self li kienet sejra tieħu l-kumpannija More Supermarkets (Ħamrun) Limited. Huwa minnu li kien hemm xi flejjes mill-faċilità tas-self li ħadet More Supermarkets (Ħamrun) Limited, li ġew mgħoddija direttament li Cassar & Schembri (Marketing) Limited minflok lil More Supermarkets (Ħamrun) Limited (ara r-rendikont bankarju f'paġni 313 sa 376 tal-atti tal-kawża). Madankollu, b'daqshekk ma jfissirx li l-bank attur u More Supermarkets (Ħamrun) Limited ftiehmu bejniethom biex il-kumpannija Cassar & Schembri (Marketing) Limited tingħata self bil-moħbi, bi ħsara għall-konvenuti li taw ruħhom bħala garanti għad-dejn ta' More Supermarkets (Ħamrun) Limited. Wara kollox, li kieku kien hekk, Cassar & Schembri (Marketing) Limited ma kinitx sejra tagħti ruħha bħala garanti lill-bank attur għad-dejn ta' More Supermarkets (Ħamrun) Limited sal-ammont ta' €1,500,000 hija wkoll (ara l-kuntratt ta' garanzija li jinsab f'paġni 67 sa 75 tal-atti tal-kawża);

80. Mill-provi jirriżulta li Cassar & Schembri (Marketing) Limited kienet waħda mill-azzjonisti ta' More Supermarkets (Ħamrun) Limited u li din kienet ħarġet numru ta' flejjes f'isem More Supermarkets (Ħamrun) Limited sabiex din tal-aħħar twettaq ix-xogħlijiet meħtieġa biex hija tiftaħ ħanut ġdid fil-Ħamrun mingħajr dewmien (ara x-xiehda ta' Albert Buttiġieġ f'paġni 259 sa 269 tal-atti tal-kawża u l-fatturi, l-irċevuti u ċ-ċekkijiet misjuba f'paġni 589 sa 663 tal-atti tal-kawża fosthom dawk marbuta max-xogħlijiet imwettqa f'dan il-ħanut minn Winston Muscat). Jirriżulta wkoll li fil-ftit xhur

li ġew qabel Novembru tas-sena 2012, il-proċess ta' verifiki biex jingħataw il-faċilitajiet bankarji lil More Supermarkets (Ħamrun) Limited mingħand il-bank attur kien għadu mhux konkluż, u għalhekk Cassar & Schembri (Marketing) Limited kienet qiegħda tiffinanzja temporanjament lil More Supermarkets (Ħamrun) Limited sakemm din tal-aħħar tikseb is-self sabiex tkun f'qagħda li tiftaħ il-ħanut malajr kemm jista' jkun. Kemm hu hekk, mill-atti jirriżulta li l-ħanut fil-Ħamrun infetaħ qabel ingħata s-self mill-bank attur (ara x-xiehda ta' Albert Buttiġieġ f'paġni 225 sa 233, 234 sa 236 u 440 sa 444 tal-atti tal-kawża u x-xiehda ta' Vanessa Buġeja f'paġni 241 sa 252 tal-atti tal-kawża);

81. Terġa' u tgħid, kien Alexander Polidano stess li stqarr li bejn More Supermarkets (Ħamrun) Limited u Cassar & Schembri (Marketing) Limited kien hemm rabta kbira għaliex din tal-aħħar kienet fornitriċi ewlenija tal-ewwel kumpannija (ara l-affidavit ta' Alexander Polidano f'paġni 387 u 388 tal-atti tal-kawża);

82. Għalhekk, għalkemm kien hemm xi flejjes li ħarġu mill-faċilitajiet mogħtija mill-bank attur li għaddew direttament għand Cassar & Schembri (Marketing) Limited, huwa ċar li dan kien sar biss sabiex More Supermarkets (Ħamrun) Limited tħallas lura l-ispejjeż li kienu saru f'isimha. Kemm hu hekk, Luke Bonello spjega li qabel il-bank attur ħallas xi flejjes marbuta mal-faċilitajiet direttament lil Cassar & Schembri (Marketing) Limited, il-bank fela sewwa l-fatturi u ċ-ċekkijiet li kienu ngħatawlu mingħand More Supermarkets (Ħamrun) Limited. Barra minn hekk, il-bank attur kien kiseb ukoll il-konferma tal-kontabbli ta' More Supermarkets (Ħamrun) Limited li l-ħlasijiet għax-xogħlijiet kienu tassew saru minn Cassar & Schembri (Marketing) Limited (ara x-xiehda ta' Albert Buttiġieġ f'paġni 440 sa 444 tal-atti tal-kawża);

83. Din il-qorti m'għandhiex għaliex tiddubita li l-faċilitajiet mogħtija mill-bank attur ingħataw għall-ħtiġijiet tan-negozju ta' More Supermarkets (Ħamrun) Limited skont kif jgħid il-kuntratt tad-19 ta' Novembru, 2012. Minbarra d-dokumenti misjuba f'paġni 476 sa 570 u 589 sa 663 tal-atti tal-kawża, li jixhdu dak li kien intefaq biex jibda jopera l-ħanut ta' More Supermarkets (Ħamrun) Limited fil-Ħamrun, il-qorti

jirriżultalha wkoll li l-uffiċjali tal-bank kienu ta' spiss imorru jispezzjonaw dan il-ħanut, tant li kienu rawh tiela', raw li l-apparat tiegħu kien ġie installat u raw ukoll l-ixkafef tiegħu mimlija bil-prodotti (ara x-xiehda ta' Albert Buttiġieġ f'paġni 225 sa 234 u 440 sa 444 tal-atti tal-kawża);

84. Fuq kollox, il-konvenuti Alexander Polidano, Christian Delia u Kurt Camilleri qajla jistgħu jilmentaw mill-fatt li l-bank attur kien għadda xi ħlasijiet marbuta mal-faċilitajiet mogħtija lil More Supermarkets (Ħamrun) Limited direttament lil Cassar & Schembri (Marketing) Limited mingħajr il-barka tagħhom. Dan sewwasew għaliex huma kienu ffirmaw dokument fejn awtorizzaw lill-bank attur jirċievi struzzjonijiet dwar it-transazzjonijiet bankarji ta' More Supermarkets (Ħamrun) Limited mingħand id-diretturi li jkollhom mhux inqas minn 50% + 1 tad-drittijiet tal-vot dwar il-ħwejjeġ tal-kumpannija (ara d-dokument misjub f'paġni 377 sa 379 tal-atti tal-kawża). Skont dan id-dokument Ryan Schembri u Adrian Aġius kellhom 30% kull wieħed ta' dawn id-drittijiet, filwaqt li Alex Polidano kellu 26%, Christian Delia kellu 10% u Kurt Camilleri kellu 4%;

85. Il-qorti tqis li l-ħlasijiet magħmula mill-bank attur direttament lil Cassar & Schembri (Marketing) Limited huma għalkollox regolari għaliex dawn saru bl-awtorizzazzjoni ta' Ryan Schembri u Adrian Aġius, li bejniethom kellhom 60% tad-drittijiet tal-vot dwar il-ħwejjeġ tal-kumpannija (ara l-ittri elettroniċi tad-29 u tat-30 ta' Novembru, 2012 misjuba f'paġni 300 u 301 tal-atti tal-kawża, ix-xiehda ta' Albert Buttiġieġ f'paġna 259 sa 269 tal-atti tal-kawża u x-xiehda ta' Luke Bonello f'paġni 272 sa 299 tal-atti tal-kawża). Meqjus dan, l-allegazzjoni li l-bank attur kiseb xi garanzija għad-dejn ta' More Supermarkets (Ħamrun) Limited b'qerq taqa' għalkollox;

86. Dwar jekk il-bank attur ħarisx l-obbligi tiegħu skont il-kuntratti tal-għotja tal-faċilitajiet, il-qorti tqis li dawn il-faċilitajiet ingħataw mill-bank wara li dan żgura li l-grupp ta' kumpanniji li tagħmel parti minnu More Supermarkets (Ħamrun) Limited kellu qligħ ta' madwar sittax-il miljun ewro. Minbarra dan, il-kumpannija Cassar & Schembri (Marketing) Limited, li dak iż-żmien kienet azzjonista ta' More

Supermarkets (Ħamrun) Limited, kellha prestazzjoni tajba ħafna mal-bank attur għaliex tul iż-żmien li kien ilha miftuħa, din kien għamlet miljuni kbar ta' qligħ. Għalhekk il-bank attur ma sabx diffikultà biex jagħti l-faċilitajiet lil More Supermarkets (Ħamrun) Limited (ara x-xiehda ta' Albert Buttiġieġ f'paġna 225 sa 234 tal-atti tal-kawża);

87. Minbarra dan, il-kundizzjoni 9(b) tal-kuntratt tad-19 ta' Novembru, 2012, kienet ġiet sodisfatta wkoll għaliex il-bank attur irċieva rapport mingħand l-awditur Patrick Camilleri fejn dan ikkonferma li sas-27 ta' Novembru, 2012, More Supermarkets (Ħamrun) Limited kienet għamlet nefqa kapitali ta' aktar minn €2,000,000 (ara r-rapport f'paġna 254 tal-atti tal-kawża, ix-xiehda ta' Vanessa Buġeja f'paġni 256 sa 258 tal-atti tal-kawża u x-xiehda ta' Albert Buttiġieġ f'paġni 259 sa 269 tal-atti tal-kawża);

88. Mill-bqija, din il-qorti ma ssibx li f'xi waqt jew ieħor il-bank attur kien traskurat jew negliġenti fit-tħaddim tal-faċilitajiet inkwistjoni, jew li saħansitra kiser jew naqas li jimxi mal-kundizzjonijiet ta' dawn il-faċilitajiet. Wara kollox, immedjatament malli l-pagamenti minn More Supermarkets (Ħamrun) Limited waqfu jsiru f'Ottubru, 2012 u kif sar magħruf li l-konvenut Ryan Schembri kien telaq minn Malta u ħalla problemi finanzjarji warajh, il-bank attur bagħat ittra uffiċjali biex huwa jiġbor lura flusu (ara l-ittra uffiċjali tal-4 ta' Novembru, 2014 f'paġni 131 sa 134 tal-atti tal-kawża) u ftit tax-xhur wara huwa fetaħ din il-kawża;

89. Għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, il-qorti qiegħda tiċħad it-tielet eċċezzjoni u t-tieni parti tar-raba' eċċezzjoni ta' Alexander Polidano u kif ukoll it-tielet u l-ħames eċċezzjonijiet ta' Christian Delia, Kurt Camilleri u K Consult Limited;

90. Imiss issa li l-qorti tqis ir-**<u>raba' eċċezzjoni</u>** kemm ta' Alexander Polidano u kif ukoll ta' Christian Delia, Kurt Camilleri u K Consult Limited fejn dawn jisħqu li l-bank attur għandu juri li More Supermarkets (Ħamrun) Limited naqset fl-obbligi tagħha lejn il-bank attur. Kif ingħad aktar 'il fuq, il-ħlas li qiegħed jitlob il-bank attur f'dan l-istadju

tal-kawża huwa marbut biss mal-faċilità tal-*business overdraft* għaliex skont il-bank attur, id-dejn kollu li huwa marbut mal-*business loan* ġie mħallas matul is-smigħ ta' din il-kawża. Għalhekk il-qorti sejra tistħarreġ biss jekk More Supermarkets (Ħamrun) Limited naqsitx fl-obbligi tagħha f'dak li għandu x'jaqsam mal-*business overdraft*;

91. Il-qorti tqis li l-faċilità ta' *overdraft* għandha karatterstiċi legali partikolari, fosthom li din jeħtiġilha tingħaraf minn kuntratt ta' self għall-konsum jew mutwu (ara l-**artikolu 1842 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**). Kemm hu hekk, f'faċilità bħal din, il-mod ta' kif jinġema' u jinħadem l-imgħax huwa partikolari għan-natura tal-kont kurrenti (ara ***HSBC Bank Malta plc v. Tal-Barrani Company Limited et***, Appell Superjuri, 28 ta' Jannar, 2021);

92. Darba li l-faċilità ta' *overdraft*, mhijiex l-istess bħal dik ta' kuntratt ta' mutwu, din hija regolata minn liġijiet u użanzi kummerċjali li jgħoddu għaliha, u għalhekk il-mod ta' kif jinħadmu l-konteġġi ta' dak li jkun disponibbli lill-klijent u dak li jiżdied bħala imgħax fuq dik il-parti tal-faċilità li l-klijent ikun inqeda biha bħala self, huma regolati bi prattika stabbilita u aċċettata mill-banek u istituzzjonijiet finanzjarji madwar id-dinja kollha;

93. Din il-faċilità taħdem b'tali mod li ġaladarba tkun saret kapitalizzazzjoni tal-imgħaxijiet li jkunu skadew, dawk l-imgħaxijiet ma jibqgħux tali, iżda ma' kull kapitalizzazzjoni jiġu konvertiti f'kapital. Dawn jibqgħu hekk ikkunsidrati sakemm tispiċċa l-obbligazzjoni (ara ***Edwin Vassallo noe v. Salvatore Bellużżi***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' April, 1947);

94. Hekk kif il-faċilità tispiċċa, l-obbligazzjoni tinbidel u l-imgħax jibqa' għaddej u jrid jinħadem bis-sistema mħaddma fl-obbligazzjonijiet li dwarhom jgħoddu r-regoli tal-imgħax, jiġifieri kif ikun ġie miftiehem bejn il-bank u l-klijent, u fin-nuqqas ta' ftehim bħal dan, kif hemm maħsub fil-**Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

95. Issa fil-każ tagħna, ma hemmx kwistjoni li fil-kuntratti li bihom ingħatat il-faċilità bankarja hemm imniżżel li l-bank seta' f'kull żmien iwaqqaf il-faċilità u jitlob il-ħlas lura f'daqqa tal-bilanċ tad-debitu. Dan huwa eżerċizzju li fiċ-ċrieki finanzjarji jissejjaħ *"call-in"*;

96. Kemm hu hekk, fil-kuntratt tat-28 ta' Novembru, 2012 magħmul fl-atti tan-nutar Joseph Smith La Rosa, il-partijiet qablu li:

> *«the Bank is entitled at any time to call upon the Customer and the Sureties, to settle their indebtedness, and to pay the balance due in the Customer's current account a simple request in writing to be deemed good and sufficient notice for the customer and the surities to implement their engagements forthwith»* (ara paġna 33 tal-atti tal-kawża);

97. Dan huwa rifless ukoll fil-kundizzjonijiet tal-għotja tal-faċilità fejn ingħad li,

> *«If one or more of the events of specified in this Section ("Events of Default") shall happen the Facility/ies and/or any other outstanding amounts under the Facility/ies shall thereupon become, immediately due and payable without any further notice:*
>
> *a) Default by the borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility; or*
>
> *k) In the opinion of the Bank, a material adverse change in the financial condition of the Borrower/s occurs; or*
>
> *n) Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility»* (ara paġni 19 u 20 tal-atti tal-kawża);

98. Għalkemm, il-kundizzjonijiet hawn fuq riprodotti jagħtu x'jifhmu li l-bank attur seta', anke għall-ebda raġuni, jaqbad u jtemm il-faċilità bankarja, huwa miżmum fil-ġurisprudenza li fil-prattika bankarja l-*call-in* m'għandux isir b'kapriċċ, imma għal

raġuni valida. Dan minħabba li l-effett tiegħu jista' jeqred negozju li jaħdem permezz ta' faċilità bankarja, bl-għan li jiġbed il-flus meta jkollu bżonn iħallas lill-kredituri tiegħu u jiddepożita l-flus meta jitħallas mingħand id-debituri tiegħu. Wara kollox, kuntratti bħal dawn li jolqtu operazzjoni kummerċjali għandhom isiru b'rieda tajba u huma prinċipalment imsejsa fuq fiduċja reċiproka. Wieħed jifhem li l-kundizzjonijiet hawn fuq imsemmija qegħdin hemm biex iħarsu l-interessi tal-bank, iżda dawn żgur mhumiex qegħdin hemm biex iġibu negozju għarkupptejh (ara ***Lombard Bank Malta plc v. Power Point Limited***, Appell Superjuri, 1 ta' Diċembru, 2021);

99. Issa matul l-istadju tal-provi, l-impjegata tal-bank Vanessa Buġeja spjegat li f'Ottubru tas-sena 2014, il-kumpannija More Supermarkets (Ħamrun) Limited kienet falliet li tħallas pagament għall-ewwel darba u minn dakinhar 'il quddiem hija ma reġgħetx għamlet pagament ieħor (ara r-rendikont bankarju f'paġni 41 sa 50 tal-atti tal-kawża). Barra minn hekk, hija kienet ġemmgħet dejn ta' aktar minn €500,000, bi ksur tal-kuntratt tat-28 ta' Novembru, 2012 (ara r-rendikont bankarju f'paġni 41 sa 48 tal-atti tal-kawża u l-kuntratt f'paġna 30 u 31 tal-atti tal-kawża);

100. Fl-istess waqt kien ġie rappurtat f'diversi gazzetti li d-direttur tad-debitriċi ewlenija, Ryan Schembri, kien ħarab minn Malta. Kemm hu hekk, għall-parti l-kbira taż-żmien li matulu dam għaddej is-smigħ ta' din il-kawża, Ryan Schembri kien rappreżentat f'din il-kawża minn kuraturi deputati għaliex ħadd ma kien jaf fejn dan jinsab. Skont Vanessa Buġeja kien magħruf ukoll li Ryan Schembri kien ħalla warajh problemi finanzjarji (ara x-xiehda tagħha f'paġni 220 sa 223 tal-atti tal-kawża). Kif ra hekk, fl-4 ta' Novembru, 2014, il-bank attur bagħat ittra uffiċjali lill-konvenuti kollha fejn huwa talabhom iħallsu d-dejn kollu ta' More Supermarkets (Ħamrun) Limited (ara x-xiehda ta' Vanessa Buġeja f'paġni 238 u 239 tal-atti tal-kawża);

101. Aktar tard, lejn l-aħħar ta' din il-kawża, il-konvenut Ryan Schembri ġie estradit lura lejn Malta u ġie rappreżentat f'din il-kawża mill-avukat tal-fiduċja tiegħu. Madankollu, huwa baqa' ma ċaħadx ix-xiehda mogħtija minn Vanessa Buġeja. Anzi, minflok, fis-seduta tas-16 ta' Jannar, 2023 huwa ddikjara permezz tal-avukat

tiegħu li kien qed jaqbel li l-bank attur għandu jitħallas il-bqija tal-bilanċ li huwa qiegħed jitlob mingħand il-konvenuti;

102. Meqjus dan kollu, il-qorti ssib li l-bank attur kellu raġuni tajba biex itemm il-faċilità bankarja ta' *business overdraft* li kienet ingħatat lid-debitriċi ewlenija More Supermarkets (Ħamrun) Limited għaliex il-kundizzjonijiet tal-faċilità, hawn fuq imsemmija, seħħew ilkoll kemm huma. Minħabba f'hekk, l-ewwel parti tar-raba' eċċezzjoni ta' Alexander Polidano u kif ukoll ir-raba' eċċezzjoni ta' Christian Delia, Kurt Camilleri u K Consult Limited, qegħdin jiġu miċħuda;

103. Fl-**<u>ewwel eċċezzjoni</u>** tagħhom Christian Delia, Kurt Camilleri u K Consult Limited saħqu wkoll li l-bank attur għandu jġib prova li s-somma totali mitluba minnu hija fil-fatt dovuta. Waqt il-mixi ta' din il-kawża, il-bank ippreżenta numru ta' rendikonti bankarji u noti ta' riduzzjonijiet dwar l-ammont li huwa qiegħed jitlob li jitħallas. Il-konvenuti kellhom ċans kemm riedu biex jiflu dawn ir-rendikonti u jirregolaw il-pożizzjoni tagħhom dwarhom, iżda huma qatt ma ċaħdu dak li hemm imniżżel fihom. Lanqas irnexxielhom b'xi mod iwaqqgħu l-konteġġi u ċ-ċifri magħmula mill-bank. Min-naħa tagħha, il-qorti fliet ir-rendikonti mressqa mill-bank rikorrenti u minn dak li rat, hija m'għandhiex għax tiddubita li l-ammont mitlub mill-bank rikorrenti ġie maħdum tajjeb;

104. Fis-**<u>sottomissjonijiet tal-aħħar li saru bil-fomm</u>** waqt l-aħħar seduta ta' din il-kawża, l-avukat difsensur tal-konvenuti Christian Delia, Kurt Camilleri u K Consult Limited ikkummenta li l-bank attur ma spjegax għaliex il-ħlasijiet li sarulu matul is-smigħ ta' din il-kawża kien naqqashom mid-dejn tal-*business loan* u mhux mill-*business overdraft*;

105. Il-qorti tqis li minn dak li ġie mressaq quddiemha matul l-istadju tal-provi, wara li saru diversi ħlasijiet lill-bank attur minn uħud mill-konvenuti, dawn tal-aħħar ma ddikjarawx liema kien id-dejn li huma riedu li jitħallas l-ewwel, jekk hux dak tal-*business loan* jew inkella dak tal-*business overdraft* (ara l-**artikolu 1168(1) tal-Kap.**

**16 tal-Liġijiet ta' Malta**). Għalkemm mill-atti jirriżulta li l-bank attur indika liema kien id-dejn li għalih ġew imputati l-ħlasijiet (ara n-nota tal-bank f'paġni 713 tal-atti tal-kawża u l-**artikolu 1170 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**), il-qorti m'għandhiex tagħrif dwar jekk il-konvenuti aċċettawx li l-ħlasijiet jinqatgħu mid-dejn li kien hemm fir-rigward tal-*business loan*;

106. Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ jidħol fis-seħħ l-**artikolu 1171(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, li jgħid li meta ebda imputazzjoni ma tkun saret fil-waqt tal-ħlas, il-ħlas għandu jitqies li sar għad-dejn illi, fiż-żmien tal-ħlas, id-debitur kellu l-iżjed interess li jħallas (ara ***Tourist Services Limited v. Naxas Srl et***, Appell Superjuri, 28 ta' April, 2017);

107. Issa matul l-istadju tal-provi l-impjegat tal-bank attur, Luke Bonello, fisser li bil-ħlasijiet li saru nqata' l-ewwel id-dejn tal-*business loan* għaliex fi kliemu, *«hi prassi bankarja li l-ewwel naqtgħu where it hurts most, jiġifieri fejn hemm l-aktar interessi»*. Minn dak li ġie spjegat matul il-kawża, wara li l-bank attur talab lill-konvenuti jħallsuh id-dejn kollu li More Supermarktes (Ħamrun) Limited kellha miegħu, l-imgħaxijiet fuq id-dejn tal-*business loan* bdew mexjin bir-rata ta' 10.25%, filwaqt li l-imgħaxijiet fuq id-dejn tal-*business overdraft* bdew mexjin bir-rata ta' 10%. Meqjus dan, il-qorti taqbel mal-bank attur li kien jagħmel sens li l-ewwel jinqata' d-dejn marbut mal-*business loan*, għaliex minħabba r-rata ogħla tal-imgħax, kien sewwasew dan id-dejn li l-konvenuti kellhom l-aktar interess li jħallsu;

108. Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni ta' Christian Delia, Kurt Camilleri u K Consult Limited qiegħda tiġi miċħuda;

109. Il-qorti issa sejra tgħaddi biex tqis il-**<u>ħames eċċezzjoni</u>** ta' Alexander Polidano, fejn huwa jisħaq li l-miżati mitluba mill-bank mhumiex dovuti għaliex dawn ma ġewx mitluba fil-korp tat-talbiet imressaq mill-bank attur iżda fil-parti fejn is-soltu wieħed jitlob il-ħlas tal-ispejjeż. Jingħad minnufih li din l-eċċezzjoni mhijiex waħda siewja. Tassew, assolutament ma tagħmel l-ebda differenza jekk il-ħlas ta' miżati jiġi mitlub

fl-aħħar nett tar-rikors flimkien mal-ispejjeż u mhux fil-kontenut tat-talbiet prinċipali. Din l-eċċezzjoni għalhekk qiegħda tiġi miċħuda;

110. Madankollu, għalkemm il-bank attur kellu d-dritt jitlob dawn il-miżati skont il-klawsola 9(q) tal-kuntratt tad-19 ta' Novembru, 2012, u hemeż tabella li telenka l-miżati li kien qiegħed jitħallas il-bank b'mod ġenerali, b'effett mill-1 ta' April, 2015 (ara paġni 135 u 136 tal-atti tal-kawża), huwa fl-ebda waqt ta' din il-kawża ma fisser liema kienu l-miżati li kellhom jitħallsu minn More Supermarkets (Ħamrun) Limited jew prova jikkwantifika kemm kien l-ammont totali dovut lilu f'miżati. Il-qorti ma tħossx li hija għandha tagħti *blank cheque* lill-bank attur biex imbagħad wara l-għotja ta' din is-sentenza huwa jkun jista' jitlob mingħand il-konvenuti l-ħlas ta' ammont li jfettillu bħala miżati mingħajr ma jkun ġab l-approvazzjoni minn qabel ta' din il-qorti dwaru. Għalhekk, it-talba tal-bank attur biex jitħallas dawn il-miżati qiegħda tiġi miċħuda;

111. Jifdal biss li tiġi meqjusa t-talba tal-bank rikorrenti biex huwa jitħallas l-**<u>imgħax bir-rata ta' 10%</u>** fuq il-kapital ta' €343,377.51 mill-31 ta' Diċembru, 2021 skont il-klawsoli 5 u 9(u) tal-kuntratt tad-19 ta' Novembru, 2012 u skont il-kuntatt tat-28 ta' Novembru, 2012. Fit-**<u>tieni eċċezzjoni</u>** tagħhom, il-konvenuti Christian Delia, Kurt Camilleri u K Consult Limited jisħqu li din ir-rata ta' imgħax hija waħda eċċessiva, kemm għaliex din mhijiex skont il-liġi u kif ukoll għaliex din ma ġietx maħduma skont dak li kien ġie miftiehem bejn il-bank attur u More Supermarkets (Ħamrun) Limited. L-istess jgħid Alexander Polidano fl-**<u>ewwel eċċezzjoni</u>** tiegħu;

112. Kif ingħad aktar 'il fuq, meta faċilità ta' kont kurrenti mogħtija mill-bank tiġi mitmuma għal xi raġuni, jispiċċa l-użu kummerċjali fejn l-imgħax jiġi miżjud mal-kapital fuq il-bilanċ ta' kuljum kull sitt xhur, u b'hekk jifforma parti mill-kapital. Tassew, minn dakinhar li l-bank attur għamel il-*call-in*, ma baqax jeżisti aktar ftehim ta' kont kurrenti. Dan, bl-azzjoni unilaterali tal-bank attur, ġie konvertit għal ftehim sempliċi ta' self/mutwu. Għalhekk minflok ir-rati ta' mgħax li jkunu qegħdin jiġu applikati sakemm tkun għadha ħajja l-faċilità, japplikaw ir-rati tal-imgħax li jkunu ġew

miftehma bejn il-bank u l-klijent f'każ li l-faċilità tiġi mitmuma, u jekk dan il-ftehim ikun sieket dwar ir-rata ta' mgħax li għandha tapplika, tiġi mħaddma r-rata ta' mgħax skont ma jgħid il-**Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

113. Il-konvenuti jgħidu li r-rata' ta' mgħax ta' 10% hija waħda eċċessiva għaliex tmur kontra r-regola li obbligazzjonijiet għall-ħlas ta' mgħaxijiet f'iżjed minn 8% fis-sena hija nulla għal dak li hu żejjed, hekk kif misjuba fl-**artikolu 986(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

114. Madankollu llum il-ġurnata l-**Kodiċi Ċivili** jidher li qiegħed jerħi mill-qawwa tar-rabta tar-regoli ċivili dwar it-tħaddim tal-imgħaxijiet f'dak li jirrigwarda l-obligazzjonijiet in ġenerali (Titolu IV tat-Tieni Ktieb) u l-kuntratt ta' mutwu (Titolu XVII tat-Tieni Ktieb) (ara ***H.S.B.C. Bank Malta plc v. Tal-Barrani Company Limited***, Appell Superjuri, 28 ta' Jannar, 2021). Kemm hu hekk, l-**artikolu 1855A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, jagħti s-saħħa lill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, flimkien mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, li jwettqu regolamenti li jitbiegħdu mir-regola dwar l-ogħla rata ta' mgħax li tista' tiġi mħallsa;

115. Dawn ir-regolamenti fil-fatt ġew imdaħħla fil-liġi tagħna għall-ewwel darba permezz tal-**Avviż Legali 142 tal-2009** u huma magħrufa bħala ir-**Regolamenti dwar eżenzjoni mir-rata ta' mgħax (Leġislazzjoni Sussidjarja 16.06)**. Issa skont ir-**regolament 3(1) ta' din il-Leġislazzjoni Sussidjarja**,

> *«Id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV u t-Titolu XVII tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili jew ta' xi parti oħra tal-Kodiċi Ċivili jew ta' xi liġi oħra, sakemm dawn jillimitaw jew jirrestrinġu l-ħlas ta' mgħax u l-kalkolu ta' mgħax kompost m'għandhomx japplikaw għal:*
>
> *(a) debiti u obbligazzjonijiet oħra li jistgħu joriġinaw minn transazzjonijiet finanzjarji meta waħda mill-partijiet tkun entità magħżula:*
>
> *Iżda ebda parti fit-transazzjoni finanzjarja ma tista' tkun persuna naturali»*

116. Hekk ukoll, skont ir-**regolament 5** ta' din il-**Leġislazzjoni Sussidjarja**,

> *«Minkejja kull ħaġa oħra li tinsab f'kull liġi oħra, istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji fil-kuntest tat-tifsira tar-regolament 2 jistgħu jistabbilixxu r-rata ta' mgħax li għandha titħallas fuq depożiti miżmumin minn istituzzjonijiet ta' kreditu, u r-rata ta' mgħax li dawn jistgħu jitolbu li jitħallsu fuq self, avvanzi u kull faċilità ta' kreditu oħra kif ukoll fil-ħruġ ta' debentures jew ta' debenture stock jew strumenti oħra li joħolqu jew jirrikonoxxu stat ta' debitu.»*

117. Ifisser b'hekk, li kuntrarjament għal dak li jgħidu l-konvenuti, meta saru l-kuntratti tad-19 ta' Novembru, 2012 u tat-28 ta' Novembru, 2012 dwar il-faċiltajiet bankarji li ngħataw lil More Supermarkets (Ħamrun) Limited, dawn ir-regolamenti kienu jippermettu lill-bank attur u lil More Supermarkets (Ħamrun) Limited li jiftehmu fuq rata ta' mgħax li hija akbar minn dik ta' 8%;

118. Darba li ġiet mwarrba din il-kwistjoni, jifdal li jsir stħarriġ dwar jekk il-bank attur huwiex qiegħed jinterpreta b'manjiera korretta il-klawsoli 5 u 9(u) tal-kuntratt tad-19 ta' Novembru, 2012 u dak li hemm inmiżżel fil-kuntatt tat-28 ta' Novembru, 2012;

119. Il-qorti tqis li skont il-klawsola 5 tal-kuntratt tad-19 ta' Novembru, 2012 ir-rata ta' mgħax li kellha titħaddem fuq l-ammont misluf sakemm il-faċilità tal-*business overdraft* kienet għadha ħajja, kellha tkun dik ta' 4% fuq ir-rata bażi ta' 2.5%, jiġifieri b'kollox 6.5%. Madankollu, skont il-klawsola 9(u) tal-istess kuntratt, f'każ li din il-faċilità tiġi mitmuma minħabba xi nuqqas min-naħa ta' More Supermarkets (Ħamrun) Limited, il-bank attur kellu l-jedd li jżid ir-rata tal-imgħax hawn fuq imsemmija b'rata ta' mgħax ulterjuri li ma taqbiżx l-4%. Ifisser b'hekk, li skont din l-aħħar klawsola l-bank attur seta' jżomm rata ta' mgħax ta' 10.5% fil-każ li More Supermarkets (Ħamrun) Limited tikser xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-għotja tal-faċilità;

120. Hekk ukoll, il-kuntratt tat-28 ta’ Novembru, 2012, li permezz tiegħu ġiet mogħtija l-faċilità tal-*business overdraft*, jipprovdi li fil-każ li More Supermarkets (Ħamrun) Limited tikser xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-għotja tal-faċilità, ir-rata ta’ mgħax kellha tkun dik ta’ 7.5% fuq ir-rata bażi tal-bank, li kif rajna qabel kienet dik ta’ 2.5% (ara paġni 34 u 35 tal-atti tal-kawża). B’hekk skont din il-klawsola r-rata tal-imgħax li kellha titħaddem fil-każ ta’ nuqqas min-naħa ta’ More Supermarkets (Ħamrun) Limited, kellha tkun dik ta’ 10%;

121. Jiġi b’hekk, li l-bank attur jinsab korrett meta huwa jitlob li jitħallas l-imgħax bir-rata ta’ 10% fuq il-kapital ta’ €343,377.51 mill-31 ta’ Diċembru, 2021, u għaldaqstant din it-talba tiegħu qiegħda tiġi milqugħa. Għall-istess raġunijiet qegħdin jiġu miċħuda l-ewwel eċċezzjoni ta’ Alexander Polidano u t-tieni eċċezzjoni ta’ Christian Delia, Kurt Camilleri u K Consult Limited;

122. Għalhekk, fid-dawl ta’ dan kollu, it-talbiet tal-bank attur, għajr dik fejn huwa qiegħed jitlob li jitħallas il-miżati tiegħu mingħand il-konvenuti, qegħdin jiġu milqugħa, filwaqt li l-eċċezzjonijiet kollha mressqa mill-konvenuti Ryan Schembri, Christian Delia, Kurt Camilleri, K Consult Limited u Alexander Polidano qegħdin jiġu miċħuda;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. **<u>Tiċħad</u>** l-ewwel talba tal-bank attur biex tipproċedi għas-sentenza mingħajr smigħ skont l-**artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta** minħabba li b’digriet tagħha tal-25 ta’ April, 2016 il-kawża tkompliet bil-proċediment ordinarju;

ii. **<u>Tiċħad</u>** l-ewwel eċċezzjoni ta’ Alexander Polidano għaliex il-kliem ta’ twissija misjuba fl-**artikolu 156(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta** ma kellhomx jitniżżlu taħt l-intestatura tal-qorti fir-rikors maħluf;

iii. **<u>Tiċħad</u>** it-tieni eċċezzjoni ta’ Alexander Polidano għaliex din il-kawża fl-ebda waqt ma ġiet deżerta mill-bank attur;

iv. **<u>Tiċħad</u>** it-tieni eċċezzjoni ta’ Ryan Schembri għaliex inġabet prova tajba li dan huwa debitur b’mod solidali flimkien ma’ More Supermarkets (Ħamrun) Limited għall-ħlas li huwa dovut lill-bank attur;

v. **<u>Tiċħad</u>** l-ewwel eċċezzjoni ta’ Christian Delia, Kurt Camilleri u K Consult Limited għaliex il-bank attur rnexxielu jipprova li l-ammont kollu li qiegħed jitlob huwa dovut lilu;

vi. **<u>Tiċħad</u>** it-tieni eċċezzjoni ta’ Christian Delia, Kurt Camilleri u K Consult Limited u s-sitt eċċezzjoni ta’ Alexander Polidano għaliex l-imgħaxijiet mitluba mill-bank attur huma kemm skont il-liġi u kif ukoll skont dak li ġie miftiehem bejn il-bank attur u More Supermarkets (Ħamrun) Limited;

vii. **<u>Tiċħad</u>** it-tielet eċċezzjoni ta’ Christian Delia, Kurt Camilleri u K Consult Limited għaliex inġabet prova tajba li l-*business loan* u l-*business overdraft* ingħataw għall-ħtiġijiet tan-negozju ta’ More Supermarkets (Ħamrun) Limited;

viii. **<u>Tiċħad</u>** ir-raba’ eċċezzjoni ta’ Christian Delia, Kurt Camilleri u K Consult Limited u l-ewwel parti tar-raba’ eċċezzjoni ta’ Alexander Polidano għaliex More Supermarkets (Ħamrun) Limited kisret aktar minn waħda mill-kundizzjonijiet tal-għotja tal-faċilità tal-*business overdraft* mogħtija mill-bank attur;

ix. **<u>Tiċħad</u>** il-ħames eċċezzjoni ta’ Christian Delia, Kurt Camilleri, K Consult Limited u t-tieni parti tar-raba’ eċċezzjoni ta’ Alexander Polidano għaliex ma ġiex muri li l-bank attur kien traskurat jew negliġenti, jew li huwa kiser il-kundizzjonijiet tal-faċilitajiet mogħtija lil More Supermarkets (Ħamrun) Limited;

x. **Tiċħad** it-tielet eċċezzjoni ta’ Alexander Polidano għaliex il-kunsens tiegħu fuq il-kuntratt ta’ garanzija li huwa ffirma fis-6 ta’ Novembru, 2012 mhuwiex vizzjat b’qerq;

xi. **Tiċħad** il-ħames eċċezzjoni ta’ Alexander Polidano għaliex m’hemm xejn irregolari dwar kif il-bank attur talab il-ħlas tal-miżati fir-rikors maħluf tiegħu;

xii. **Tilqa’** t-tieni u t-tielet talba tal-bank attur u tiddikjara u tikkundanna lill-konvenuti More Supermarkets (Ħamrun) Limited, Ryan Schembri, Angie Schembri, Etienne Cassar, Nathalie Carmen Cassar, Cassar & Schembri (Marketing) Limited, Panelix Supplies Limited, Imora Holdings Limited, Alexander Polidano, Adrian Aġius, K Consult Limited, Christian Delia u Kurt Camilleri, sabiex iħallsu solidament bejniethom lill-bank attur is-somma totali ta’ €393,209.05, li minnha €343,377.51 huwa kapital u €49,831.54 huma mgħaxijiet. B’żieda ma’ dan, dawn l-istess konvenuti għandhom iħallsu wkoll solidament bejniethom lill-bank attur l-imgħax bir-rata ta’ 10% fuq il-kapital ta’ €343,377.51 mill-31 ta’ Diċembru, 2021 sad-data tal-ħlas effettiv; u

xiii. **Tiċħad** it-talba tal-bank attur sabiex huwa jitħallas il-miżati tiegħu għaliex ma ġiex spjegat b’mod speċifiku liema kienu dawn il-miżati u lanqas ġie kwantifikat l-ammont totali dovut bħala miżati;

Fl-aħħar nett, **tordna** wkoll li l-ispejjeż kollha marbuta ma’ dawn il-proċeduri, għajr dawk ta’ Pauline Aġius u tal-kuraturi deputati, jitħallsu kollha kemm huma mill-konvenuti More Supermarkets (Ħamrun) Limited, Ryan Schembri, Angie Schembri, Etienne Cassar, Nathalie Carmen Cassar, Cassar & Schembri (Marketing) Limited, Panelix Supplies Limited, Imora Holdings Limited, Alexander Polidano, Adrian Aġius, K Consult Limited, Christian Delia u Kurt Camilleri solidament bejniethom, għaliex dawn huma l-partijiet telliefa f’din il-kawża. L-ispejjeż ta’ Pauline Aġius għandhom jitħallsu mill-bank attur ladarba din il-kawża ġiet ċeduta minnu fil-konfront tagħha. Dwar l-ispejjeż tal-kuraturi deputati l-avukat Victor J. Buġeja u Luisa Tufigno, b’ħarsien ma’ dak stabbilit mill-Qorti

tal-Appell fis-sentenza ***Anastasija Afanasjeva v. Dr. Benjamin Valenzia et nomine*** deċiża fil-21 ta' Ottubru, 2021, il-qorti tordna li dawn għandhom jitħallsu mill-bank attur ladarba kien il-bank attur li talab għall-ħatra tagħhom, b'dana però li l-bank attur għandu l-jedd li jiġbor dawn l-ispejjeż li jkun ħallas lill-kuraturi deputati mingħand il-konvenut Ryan Schembri.

__________________________

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

__________________________

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**